Ħarġa nru. 55 - Ottubru 2011

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



Premier... Hibs jillidjaw il-klassifika, paġna 18



Basketball... Tintlagħab is-Super Cup, paġna 26



Tiġrijiet taż-Żwiemel... Programm interessanti, paġna 42

## L-inċident traġiku tal-Moto GP fil-Malasja



# L-aħħar tislima minn Simoncelli

» Aktar f'paġna 48

• FUTBOL • ŻWIEMEL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION • KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAR-REGATTA • STORJA TAL-FUTBOL MALTI • POOL • SNOOKER • MOTO GP • FORMULA 1 • BASKETBALL • TRIATHLON

TeamSporT

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT


snaidero
OLA20 - kitchen designed by
pininfarina
OPEN WEEK
31 October 2011 to
6 November 2011
casanova
St.Thomas Street, Luqa
Tel: 21 800 221 , 21 800 214 Fax: 21 800 225 Email: info@casanova.com.mt
www.casanova.com.mt



## Ottubru

Deħlin fix-xahar ta' Novembru fejn il-Kampjonat tal-kull sport rispettiv jinsab fl-aqwa tiegħu, bl-eċċezzjoni dak tal-Basketball, hekk kif għadha qed tintlagħab l-MBA Shield.

Bla dubju, l-attenzjoni prinċipali tkun dejjem iffokata fuq il-futbol fejn wara tmien logħbiet, il-klassifika tal-Premier qed tifforma lilha nnifisha b'indikazzjoni li Hibernians u Valletta se jkunu minn fost l-isfidanti ewlenin.

Barra minn hekk, bosta huma dawk it-timijiet li qed jippreparaw biex, f'Jannar li ġej, isaħħu l-iskwadra tagħhom bl-inklużjoni ta' bosta plejers barranin biex jieħdu post dawk li ddiżappuntaw matul dawn it-tliet xhur.

Minbarra l-futbol, il-magażin SPORTIV, jagħti ħarsa wkoll lejn bosta sports hekk kif matul dan ix-xahar l-aħbar ewlenija kienet ... fuq nota negattiva ... il-mewt tas-sewwieq tal-Moto GP, it-Taljan Marco Simoncelli, li miet f'aċċident fiċ-ċirkwit ta' Sepang, fil-Malasja.

SPORTIV iżomm lid-dilettanti sportivi aġġornati u jarkivja dawn l-emozzjonijiet ...

Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

Liema plejer ta' Hibernians skorja fit-tmien partiti konsekuttivi mill-bidu tal-Kampjonat Premier?

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2011:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 54 hija:*
**37 partita**
*u r-rebbieħa huma (1) David Carabott - Mqabba (2) Joanne Pisani - Birkirkara (3) Savio Debono - Paola*








FLOOD LIGHTING



ST. ALOYSIUS

389 Sports Systems Ltd.

Omni Turf THREE EIGHT NINE

LIMONTA SPORT

INFILLPROTP newgrass DELUXE SOCCERPRO

E: 389@onvol.net T: 2144 6449 W: www.389.com.mt A: 22/26 Dun Xand Cortis Street; Birkirkara - Malta







SPORTIV

Ħarġa nru 55
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikatur
Paul Falzon

Editur
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

Reklamar
Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

*Cover - L-aħħar tislima minn Marco Simoncelli*

UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **MFA**
Ħidma kontinwa

14 **Malta v Iżrael**
Intemmu fuq nota negattiva

16 **Malta v Latvia**
Insofru telfa f'wirja b'żewġ uċuħ

18 **Premier**
Hibernians jaqbżu fl-ewwel post

23 **I Diviżjoni**
Pietà H. jillidjaw, Żejtun jimpressjonaw

24 **II Diviżjoni**
Bidu bilanċjat

25 **III Diviżjoni**
Pembroke u Għaxaq sfidanti denji

26 **YFA**
Jingħata bidu għall-Gatorade U/13 Festival

28 **KMS**
Fl-2010 ħadu sehem 3,530 persuna f'attivitajiet sportivi organizzati mill-Kunsilli Lokali

36 **Basketball**
Jibda l-istagun bil-kompetizzjonijiet tas-St. James Hospital Shield

38 **Triathlon**
Dermot Galea u Danica Bonello Spiteri għall-għaxar darba

40 **Gozo Sport**
Xewkija Tigers jirbħu t-Tazza Indipendenza

42 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Appuntamenti attraenti fil-korsa

44 **Snooker & Pool**
Busuttil jegħleb lil Castaldi 6-4 fil-final

46 **Formula 1**
Vettel u Red Bull champions tad-dinja għat-tieni darba konsekuttiva

48 **Moto GP**
Il-Moto GP jitlef lil Marco Simoncelli

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Floriana jegħlbu lir-rivali eterni Valletta bl-iskor ta' 6-1

52 **L-Istorja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1980-1989) - Ħdax-il Parti

55 **Shoulder pain in sport**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

56 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

maltafootball.com



Head Coaches tan-nurseries waqt Seminar organizzat bil-kollaborazzjoni tal-FIFA

# Ħidma kontinwa mill-MFA biex il-kowċis Maltin jestendu l-għarfien tagħhom

Il-*coaching* f'kull livell, iżda speċjalment meta jittieħed bħala karriera, jirrikjedi kwalifiki professjonali u sagrifiċċji personali. F'Malta dawn il-kwalifiki jingħataw biss miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA u għal dan l-iskop iċ-Ċentru jieħu ħsieb biex kull sena jorganizza numru ta' korsijiet li jirrigwardjaw il-*coach education*.

L-irwol jirrikjedi li jsiru bosta sagrifiċċji personali kemm jekk xogħol il-kowċ rispettiv ikun dak li jħarreġ it-tfal u kif ukoll jekk iħarreġ l-adulti, kemm f'livell ta' dilettanti u kif ukoll f'dak ta' professjonisti.

**Il-konvenzjoni tal-UEFA dwar il-*coaching* tistipula li kull membru fi ħdan din il-konvenzjoni jrid jilħaq il-kriterji stabbiliti u għaldaqstant l-MFA, li tagħmel parti minn din il-konvenzjoni, għandha l-obbligu li tkompli tippromwovi l-edukazzjoni f'dan is-settur biex eventwalment tgħolli l-livell tagħha f'kull waħda mil-liċenzji eżistenti, primarjament fil-UEFA A u B.**

Iżda minbarra l-liċenzji imsemmija qabel, hemm oħrajn, u dawn jibdew mill-*Coaching Young Footballers* (CYF) u jibqgħu telgħin sal-liċenzjar f'livell ta' UEFA. Is-CYF hu l-ewwel pass għal dawk interessati jibdew iħarrġu lit-tfal fin-*nurseries* tal-futbol. Dan jintroduċi lill-kandidati prospettivi mal-prinċipji bażiċi tal-*coaching*. Permezz ta' dan il-kors, il-kowċ jibda jifhem ir-responsabilitajiet tiegħu mal-plejers u ma' dawk ta' madwaru. Dan il-kors hu twil 18-il siegħa u ġeneralment isir wieħed fis-sena, iżda dan l-aħħar u minħabba konkorrenza qawwija l-MFA se tkun qiegħda torganizza numru ta' korsijiet CYF fi żmien iqsar.

Matul l-aħħar xhur l-MFA esperjenzat parteċipazzjoni qawwija min-naħa ta' kowċis li diġà għandhom liċenzja fil-pussess tagħhom u li jridu jtejbu l-għarfien tagħhom u eventwalment jibqgħu javvanzaw f'dan is-settur. Iżda ż-żieda fil-parteċipazzjoni ma ġietx minn dawn biss. Fil-fatt kienu ħafna dawk interessati li jagħmlu l-ewwel pass u li nkitbu biex jagħmlu l-kors tas-CYF. Dan kollu wasal wara li l-MFA għarfet bis-serjetà l-importanza ta' dan is-settur fundamentali fl-iżvilupp tal-logħba tal-futbol u b'mod immedjat naqqset l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-korsijiet permezz ta' sussidju notevoli.

M'hemmx dubju li din id-deċiżjoni għenet biex ħafna jagħmlu kuraġġ u jinkitbu. Il-qafas tal-kurrikulum tal-*coach education* jaqa' taħt ir-responsabbiltà diretta taċ-Ċentru Tekniku mmexxi mis-Sur Robert Gatt, filwaqt li s-Sur Stephen Grima hu responsabbli mill-korsijiet kollha li toffri l-MFA. Is-Sur Grima li huwa kowċ licenzjat UEFA A, bħalissa qiegħed jagħmel il-kors biex ikun liċenzjat fil-livell Pro Licence, l-aktar kwalifika għolja li kowċ tal-futbol jista' jippossjedi.

Dwar dan is-suġġett il-Kap Eżekuttiv tal MFA, is Sur Bjorn Vassallo saħaq, "Huwa l-objbjettiv tal-MFA li nżidu n-numru ta' kowċis kwalifikati fil-liċenzji CYF u National C, hekk kif inhu l-objettiv l-ieħor tagħna li nżiedu l-kwalità tal-kowċis fil-liċenzji UEFA A u B. Hemm bżonn nifirxu aktar fil-parti ta' isfel u nissaħħu fil-parti ta' fuq. Il-korsijiet mhux biss qegħdin ikunu aktar frekwenti, iżda qegħdin ngħinu wkoll fl-aspett finanzjarju u saħansitra kienu organizzati korsijiet fil-gżira

ritratt minn D. Aquilina



Referees lokali waqt Seminar li sar bil-kollaborazzjoni tal-UEFA

Għawdxija biex il-futbol f'Għawdex ma jaqax lura. Ir-rispons pożittiv qiegħed issaħħilna l-motivazzjoni tagħna biex nkomplu bl-investiment f'dan is-settur vitali għal-logħba tal-futbol."

In-*National C Diploma* li hu l-ewwel parti tal-UEFA B jidħol iktar fil-fond fit-taħriġ taż-żgħażagħ, jagħti importanza lill-filosofija tal-*coaching*, janalizza d-diversi metodi ta' *coaching*, jidħol fil-psikoloġija bażika u fl-ippjanar li kull kowċ irid jibaża fuqu.

Min jagħmel dan il-kors b'suċċess u tal-inqas ikun ħarreġ skwadra għal perjodu ta' staġun, ikun f'pożizzjoni li japplika biex jagħmel il-kors li jmiss, dak tal-UEFA B. Dan il-kors huwa mifrux fuq 85 siegħa u jsir fuq sitt moduli.

Biex kowċ ikompli javvanza fil-kwalifiki tiegħu u jasal sa ċertu livell fl-iskala tal-futbol, bilfors irid jagħmel il-UEFA B. Fil-fatt dan il-kors jesponi lill-kandidati għall-karatteristiċi tal-logħba moderna. F'dan il-kors issir analiżi sħiħa tal-logħba tal-futbol, isir tagħlim dwar it-taħriġ fiżiku, il-metodi ta' *coaching*, il-psikoloġija fil-futbol u kif ukoll isiru moduli fid-dettal li l-qofol tagħhom ikun l-aspett tattiku.

Matul dan il-kors, il-kandidati jridu jibnu *portfolio* professjonali biex jiżdied mat-tagħlim li jieħdu f'dan il-kors. Kull kowċ ikun assessjat permezz ta' eżamijiet prattiċi u ta' teorija.

L-istess bħal fil-kors preċedenti, kull kowċ li jikkwalifika jrid jagħmel minimu ta' sena jikkowċja qabel japplika għall-UEFA A. Il-kors tal-UEFA B hu twil 122 siegħa u jsir fuq tmien moduli.

Il-kors UEFA A hu l-ogħla kwalifika li joffri ċ-Ċentru Tekniku tal-MFA. Fi tmiem dan il-kors, kull kowċ ikun kwalifikat b'mod professjonali. Dan il-kors ikompli jibni fuq il-korsijiet ta' qabel u jipprepara lill-kandidati biex iħarrġu fl-ogħla livell tal-futbol Malti.

F'dan il-kors il-kowċ ikun mgħallem f'kull dettal il-parti teknika u tattika u l-elementi fiżiċi u psikoloġiċi tal-logħba. Il-kors tal-UEFA A hu twil 150 siegħa mifrux fuq disa' moduli. Għal dan il-kors l-MFA tistieden kowċis barranin biex permezz ta' diskussjonijiet u prattika jgħaddu l-esperjenza tagħhom lill-kowċis Maltin.

Minbarra dawn il-korsijiet l-MFA torganizza wkoll korsijiet għal *Physical Trainers*, *Head Coaches* u kif ukoll għall-*Goalkeepers' Coaches*. Ma' dawn jiżdiedu d-diversi seminars li frekwentament isiru fid-dixxiplini tal-Futsal u l-Beach Soccer u kif ukoll għall-futbol tan-Nisa u r-*Referees*. Dawn isiru bil-parteċipazzjoni ta' esperti barranin u bil-kollaborazzjoni tal-UEFA u l-FIFA.

Kull sena l-MFA, permezz tal-Kumitat tal-Liċenzji, toħroġ liċenzji lil dawk il-kowċis li jkollhom kwalifiki tal-UEFA bil-kundizzjoni li dawn jattendu numru ta' *instructional meetings* organizzati miċ-Ċentru Tekniku u oħrajn organizzati mill-*Malta Football Coaches Association*.

Huwa obbligu prinċipali għall-MFA li tkompli testendi s-servizzi tagħha għal dawk li jridu jkomplu jedukaw ruħhom fit-tagħlim tal-logħba tal-futbol, b'hekk l-investiment se jkompli jkun kostanti biex il-kowċis Maltin u Għawdxin isibu opportunitajiet miftuħa fl-oqsma li jixtiequ jimirħu fihom.

# Organizzat

## Seminar importanti għar-Referees u l-Match Inspectors



Ritratt: Adrian Casha, Direttur tar-Refereeing tal-MFA, flimkien ma' David Elleray




Fi sforz biex tkompli tgħolli l-livell tar-*refereeing* f'pajjiżna, bejn il-21 u t-23 ta' Ottubru 2011, fis-Centenary Hall, f'Ta' Qali, il-Malta Football Association organizzat *seminar* ieħor għar-*Referees* u l-Assistant Referees tal-Ogħla u tal-Ewwel Kategorija.

Għal dan is-seminar kienu mistiedna jattendu wkoll il-*Match Inspectors*, sabiex huma wkoll ikomplu jingħataw it-taħriġ neċessarju fl-assessjar tal-uffiċjali tal-logħba. Il-kelliem principali kien l-eks *referee* internazzjonali Ingliz, David Elleray, li llum bħala membru fil-Kumitat tar-Referees tal-UEFA, huwa responsabbli mill-progress tal-uffiċjali internazzjonali Maltin.

Fid-diskors tal-ftuħ id-Direttur tar-*Refereeing* tal-MFA, is-Sur Adrian Casha, tkellem dwar il-ħidma kumplessa li diġà saret matul dan l-istaġun. Din il-ħidma tinkludi skambji ma' *referees* barranin għall-kontroll ta' partiti fl-ogħla diviżjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-Maċedonja, it-twaqqif ta' akkademja bħala parti minn kampanja ta' reklutaġġ għal *referees* ġodda u l-introduzzjoni ta' programm specjalizzat għal dawk l-uffiċjali żgħażagħ meqjusa bħala l-futur tar-*refereeing* f'pajjiżna.

Fost is-suġġetti li ġew trattati mis-Sur David Elleray kien hemm l-użu illegali tal-idejn, il-konsistenza, l-applikazzjoni tar-regola tal-vantaġġ, il-pożizzjoni li għandu jieħu *referee* waqt il-logħob u t-teknika fit-tixjir mill-*assistant referees*. Is-*seminar* laħaq il-qofol tiegħu nhar is-Sibt, 22 ta' Ottubru, meta l-parteċipanti kollha ttieħdu jaraw il-logħba mill-Kampjonat BOV Premier bejn Hamrun Spartans u Birkirkara. Il-parteċipanti tqassmu fi gruppi żgħar sabiex janalizzaw il-wirja tal-erba' uffiċjali waqt din il-logħba.

Eventwalment saret analiżi dettaljata tal-konfront bl-għajnuna ta' filmat provdut immedjatament wara l-logħba minn *cameraman* tal-MFA. Minbarra li ġew mistħarrġa d-diversi episodji fil-logħba, saret diskussjoni miftuħa li minnha ħarġu kemm punti pożittivi fir-rigward tal-kontroll tal-logħba u kif ukoll ġew studjati l-aspetti li jirrikjedu titjib.

Fil-konklużjoni tiegħu, David Elleray wiegħed l-appoġġ tiegħu lir-*referees* Maltin u awgura li huma jkomplu juru titjib sabiex possibbilment, fil-futur, Malta jkollha uffiċjali fl-ogħla kategorija tal-UEFA.

ritratt minn D. Aquilina



Ir-Referee Fyodor Zammit fil-logħba mill-Kampjonat BOV Premier bejn Qormi u Mqabba

# Il-FIFA tippermetti ċelebrazzjonijiet ta' goal mingħajr provokazzjoni jew ferħ eċċessiv

Hemm mod u mod kif tiċċelebra goal. L-esaġerazzjonijiet kif ikun iċċelebrat goal qegħdin jiżdiedu madwar id-dinja kollha u issa qiegħdin narawhom f'pajjiżna wkoll.

L-uffiċjali tal-logħba huma avżati biex jagħtu aktar każ, iżda u kif rajna dan l-aħħar, dawk involuti mhux dejjem jifhmu l-lok tal-ammonizjoni u b'hekk il-kontroversja ma tonqosx. Huwa fatt li mhux kulħadd jaf li l-FIFA għandha regoli biex tikkontrolla l-ġesti tal-plejers waqt ċelebrazzjoni ta' goal, għalkemm tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tar-*referee* li jiġġudika jekk ċelebrazzjoni partikolari tkunx qiegħda tikser Regola numru 12 - *Fouls and Misconduct of the Laws of the Game.*

Fl-aħħar ġimgħat, f'logħba tal-Kampjonat Malti, ir-referee rispettiv ħass li kellu juri karta safra lill-plejer li beda jissimula li qiegħed jispara fuq plejers sħabu, b'dawn tal-aħħar bdew jaqgħu mal-art, biex ifhemu li ġew milquta mit-tiri tal-plejer li kien għadu kif skorja.

Regola numru 12 tgħid li hu permess li plejer juri l-ferħ tiegħu meta jiskorja goal, imma dan il-ferħ m'għandux ikun b'mod eċċessiv.

Dan l-aħħar il-FIFA tat l-interpretazzjoni tagħha dwar din ir-regola u stqarret li kull ħaġa li tistimola vjolenza jew mewt hija provokattiva u m'għandhiex postha fil-futbol. Matul l-istaġun li għadda, waqt logħba taċ-Champions League, plejer li beda taparsi jispara fuq plejers sħabu kien imwissi korrettament; irid ikun ikkunsidrat jekk uħud mill-plejers l-oħra li pparteċipaw f'din l-azzjoni kienux ħatja ta' imġieba anti-sportiva.

Il-FIFA tħoss li l-ebda pajjiż m'għandu jaċċetta li l-plejers, li huma l-idoli taż-żgħażagħ, m'għandhom jissuġġerixxu dan it-tip ta' atteġjament li jmur kontra l-valuri tar-rispett u dan għaliex l-isparar jaspira għal messaġġ negattiv.

Ċelebrazzjonijiet raġjonevoli huma permessi imma d-drawwa ġdida ta' ċelebrazzjonijiet b'tema mhux daqstant imħeġġa, speċjalment jekk b'riżultat ta' dan jispiċċa jinħela l-ħin regolamentari, u għalhekk f'sitwazzjonijiet bħal dawn ir-*referees* għandhom isstruzzjonijiet biex jintervjenu.

**Skond Regola numru 12, plejer għandu jiġi mwissi jekk:**

(a) fl-opinjoni tar-*referee*, jagħmel mossi provokattivi, redikoli jew offensivi.

(b) jitla' mar-reċint diviżorju biex jiċċelebra goal li jkun skorja.

(c) ineħħi l-flokk jew jgħatti wiċċu bil-flokk.

(d) jgħatti wiċċu b'maskra jew xi oġġett simili ieħor.

Regola numru 12 tgħid ukoll, li għal plejer jew plejers li joħorġu barra l-pitch biex jiċċelebraw goal, m'għandhiex tkun murija karta safra, iżda mportanti li l-plejers jirritornaw lura fil-pitch malajr kemm jista' jkun.

F'każi bħal dawn, ir-*referees* huma mitluba jaġixxu b'mod preventiv u għandhom jużaw is-sens komun meta jiġu biex jintervjenu u jieħdu passi dixxiplinarji.

F'pajjiżna, u anke f'pajjiżi oħra madwar id-dinja, hi komuni li meta plejer jinża' l-flokk jew jgħatti wiċċu bil-flokk, jintwera karta safra awtomatikament.

Skond Regola numru 12, ir-*referee* għandu dritt ukoll li juri karta safra meta jħoss li xi ċelebrazzjoni tkun eċċessiva u, iktar u iktar, abbużiva.



Sirens Stadium - San Pawl il-Baħar

# L-istadiums reġjonali għandhom ikomplu jkabbru l-interess fil-futbol domestiku

Il-politika progressiva li qiegħda tmexxi biha l-Malta Football Association, dik li twessa' l-parteċipazzjoni kalċistika madwar Malta u Għawdex, għandha tgħin biex l-interess fil-logħba jevolvi ferm aktar. Matul l-aħħar xhur saru bosta riformi f'dan is-sens, fejn tbiddlu l-kompożizzjonijiet tal-kampjonati nazzjonali, l-futbol beda jintlagħab f'stadiums reġjonali, filwaqt li t-timijiet Għawdxin ingħatatilhom l-opportunita' li jipparteċipaw f'kompetizzjoni flimkien ma' timijiet Maltin. Dan kollu hu kkunsidrat bħala pass fid-direzzjoni t-tajba li jiżgura interess akbar fil-logħba.

*L-iżvilupp se jkun ibbażżat fuq il-faċilitajiet sportivi, il-bażi minn fejn in-nurseries lokali qiegħdin jibnu l-futur tagħhom, faċilitajiet li minnhom se jgawdu l-plejers f'kull livell tal-logħba. L-investiment tal-MFA qiegħed ikun kostanti, tant li l-objettiv hu dak li f'kull raħal ta' pajjiżna jkun hemm faċilita' sportiva adekwata għaż-żminijiet tal-lum, fejn it-tfal u l-adulti jkunu jistgħu mhux biss jitħarrġu, iżda wkoll jissoċjalizżaw b'mod pjaċevoli.*

Il-grounds reġjonali, li fihom qiegħed jintlagħab il-futbol kompetittiv qiegħdin iwasslu għal rivoluzzjoni kbira, tant li sa l-istaġun li għadda l-klabbs kollha tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni kienu jilgħabu ġewwa ċ-Centenary Stadium, filwaqt li issa dawn qiegħdin jilgħabu f'faċilitajiet differenti kull tmiem il-ġimgħa. Din id-deċiżjoni tixhed kemm l-għan prinċipali tal-MFA huwa dak li ssaħħaħ l-istruttura tal-logħba tal-futbol f'pajjiżna u biex ikompli jiżdied l-entużjażmu fost il-familja kollha tal-futbol.

Permezz tal-grounds reġjonali l-futbol ħareġ miċ-ċentralizżazzjoni ta' Ta' Qali, mar fl-irħula u b'hekk qiegħed jintlaħaq aħjar min-nies. Għaldaqstant is-sistema l-ġdida għandha tressaq il-pubbliku sportiv ferm aktar viċin il-logħba, kemm fl-organizazzjoni u kif ukoll fl-akkaniżmu. Matul l-ewwel ġimgħat ta' futbol minn dan l-istaġun, l-MFA u l-klabbs kienu sodisfatti mhux biss mill-investiment li sar, iżda wkoll mill-attendenzi li kienu preżenti biex isostnu lit-timijiet favoriti tagħhom.

Minbarra dawn il-grounds reġjonali, f'numru kbir ta' grounds oħra mxerrdin madwar Malta u Għawdex, kull ġimgħa qiegħdin jintlagħabu ħafna aktar logħbiet mill-Kampjonati tal-Youths u tan-Nisa u kif ukoll mill-Kampjonati tal-Youth FA. Din l-attivita' kollha tawgura tajjeb u tkompli ssaħħaħ is-sens ta' kultura sportiva.



Charles Abela Stadium - Mosta



Luxol Stadium - Pembroke

ritratt minn D. Aquilina




Maltco LOTTERIES MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333

www.maltco.com




Andrew Hogg u Alex Muscat
jidhru jiffirmaw awtografi lit-tfal u l-partitarji preżenti

# L-Open Training Session

## mat-tim nazzjonali ntlaqgħet tajjeb

L-*Open Training Session* li l-MFA organizzat għall-pubbliku sportiv Malti ntlaqgħet tajjeb ħafna u dan jixhdu n-numru sabiħ ta' dilettanti li attendew fl-iStadium Nazzjonali ġewwa Ta' Qali biex isegwu mill-viċin lill-benjamini tagħhom.

Il-ġenerazzjoni żagħżugħa kellha festa permezz ta' din l-attività, fil-fatt l-iskwadra ta' 20 plejer flimkien mal-istaff tekniku kienu disponibbli li mhux biss jitkellmu ma' dawk preżenti, iżda saħansitra jingħataw l-opportunita' jippożaw għal ritratti mal-idoli tagħhom, kellhom awtografi ffirmati u tħallew isegwu s-sessjoni ta' taħriġ f'ambjent ta' ħbiberija.

Din l-inizjattiva tkompli tikkonferma kemm il-pubbliku sportiv għandu għal qalbu t-tim nazzjonali Malti u kemm jeżisti interess f'dan il-livell. Din il-laqgħa mal-pubbliku u l-media kienet pass importanti fid-direzzjoni t-tajba biex il-ġenerazzjoni ta' għada jkollha kuntatti u relazzjoni aktar fil-qrib mal-plejers li jilbsu l-flokk ta' pajjiżna. Hija l-ħolma ta' kull plejer żagħżugħ li xi darba jilbes il-flokk aħmar tat-tim nazzjonali Malti u jasal biex jirrappreżenta lill-pajjiżu f'livell internazzjonali.

L-MFA tirringrazzja lill-pubbliku sportiv u lill-membri tal-media, il-partitarji, l-iskwadra tat-tim nazzjonali, l-istaff tekniku u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jgħinu biex isem pajjiżna fil-futbol jilħaq dimensjonijiet ġodda.

Din l-attività kienet organizzata wara li fit-12-il xahar li għaddew, membri tat-tim nazzjonali Malti żaru skejjel u *Nurseries* tal-futbol biex jiltaqgħu ma' studenti u plejers żgħażagħ li dejjem kellhom ix-xewqa jingħataw iċ-ċans li jqattgħu ftit ħin mal-plejers li kull tmiem il-ġimgħa jsegwu mat-tim favorit tagħhom.

Dan is-sens ta' propjeta' qiegħed iġiegħel aktar tfal biex ikabbru l-imħabba tagħhom u l-passjoni lejn it-tim nazzjonali, kunċett pożittiv, li għandu dejjem jingħata promozzjoni mill-MFA.




Many great ideas start on paper. With a BOV Personal Loan, your projects and aspirations come to life.

Talk to us now for a loan that is truly personal and within your reach.

*Your success is our goal.*

**BOV PERSONAL LOAN**
**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 29123

Personal Loans are subject to normal Bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply.

BOV
Bank of Valletta



# Financial Fair Play... xi tfisser?

Michel Platini, President tal-UEFA

Ħafna semgħu bil-kliem *"Financial Fair Play"* iżda kemm hawn nies jafu eżatt x'se jkunu qed ifissru dawn il-kelmiet?

M'hemmx dubju li kull indikazzjoni twassal għall-finanzi u proprju huma l-finanzi l-qofol ta' kollox f'din l-isfida li daħlet għaliha l-UEFA u li l-klabbs kollha fl-Ewropa jridu mhux biss jaċċettaw iżda wkoll josservaw.

Il-futbol fl-Ewropa għaddej minn kriżijiet finanzjarji kbar, tant, li bosta klabbs kbar u żgħar fl-istatura, għandhom djun konsiderevoli fuq il-kotba tagħhom u għaldaqstant il-UEFA għarfet li din is-sitwazzjoni prekarja għandha tiġi rratifikata.

Il-UEFA enfasizzat l-importanza tal-kunċett tal-*Financial Fair Play* bħala għajnuna biex tiżgura stabbilità dejjiema fil-logħba tal-futbol.

Michel Platini, President tal-UEFA, saħaq li jikkunsidra dawn ir-regolamenti bħala vitali għall-futur tal-logħba tal-futbol.

Il-UEFA qiegħda tenfasizza li dan kollu qiegħed isir biex klabbs li matul is-snin daħlu f'diffikultajiet finanzjarji li l-lum ma jistgħux jeħilsu minnhom, ikollhom mod kif b'sens ta' maturità jibdew jikkonfrontaw il-kriżi li jkunu daħlu fiha. Flimkien mal-UEFA ingħaqdet ukoll l-ECA, l-Assoċjazzjoni tal-klabbs Ewropej immexxija minn Karl-Heinz Rummenigge, li qiegħda tagħmel pressjoni fuq il-klabbs biex jaġixxu b'mod serju f'dan ir-rigward. Il-miżuri huma pproġettati biex jipproteġu s-saħħa tal-futbol Ewropew u l-vijabilità tiegħu, kif ukoll l-integrità u l-istabbilità fl-operat tal-kompetizzjonijiet. Dawn ir-regolamenti tal-*Financial Fair Play* għandhom l-għan li jistimulaw investiment fit-tul f'oqsma bħall-*Youth Development* u l-infrasstruttura sportiva.

L-implimentazzjoni se ssir f'fażijiet fuq perjodu ta' tliet snin, fejn wara li ġew ippreżentati l-*Club Licensing and Financial Fair Play Regulations*, l-element prinċipali tal-*break even* se jidħol fis-seħħ fir-rapporti finanzjarji li se jkunu ppreżentati f'egħluq is-sena finanzjarja 2012.

Għal uħud mill-klabbs din tkun f'Ġunju, filwaqt li għal oħrajn li jadottaw sena kalendarja, is-sena finanzjarja tagħhom tagħlaq f'Diċembru tal-istess sena. Wara, matul l-istaġun 2013/14 mistenni jibda x-xogħol ta' analiżi, biex sanzjonijiet ma' dawk il-klabbs li ma jilħqux il-kriterji jistgħu jibdew jittieħdu saħansitra minn dak l-istaġun stess.

Taħt ir-rekwiżiti tal-*break even*, il-klabbs ma jistgħux jonfqu aktar mid-dħul iġġenerat. Id-dejn u s-salarji tal-plejers u l-ħaddiema se jkunu analizzati fuq bażi ta' riskju, fejn il-livelli ta' dawn se jittieħdu fil-kunsiderazzjoni ta' dawk li se jirregolaw dan il-proġett kumpless. B'hekk dawk li jeħlu għandhom l-obbligu li mill-istaġun ta' wara jħallsu l-*liabilities* tal-futbol fil-ħin.

"Il-*Financial Fair Play* mhux se tkun hemm biex tpoġġi lill-klabbs f'diffikultà, iżda għall-kuntrarju, l-għan primarju tagħha huwa dawk li jgħin lill-klabbs f'diffikultà biex joħorġu



Karl Heinze Rummenigge, President tal-ECA



Gianni Infantino, Segretarju Ġenerali tal-UEFA, juri r-rapport dwar il-Liċenzjar u l-Financial Fair Play.

mill-infern finanzjarju u jibdew jipproġettaw mudell sostenibbli," sostna Michel Platini. Huwa kompla, "... il-partitarji u kull min iħobb il-logħba tal-futbol m'għandux interess li jara klabbs kbar li huma parti mill-istorja u l-wirt tal-futbol Ewropew jisparixxu fix-xejn - riżultat ta' operat ħażin fit-tmexxija. Huwa neċessarju għall-UEFA li tintervjeni u hekk se nkunu qiegħdin nagħmlu. Se jkollna l-kuraġġ nieħdu deċiżjonijiet drastiċi kontra klabbs li jfallu milli jħarsu dawn ir-regolamenti."

Il-kunċett u l-miżuri msawra madwar dawn ir-regolamenti kienu ntrodotti bis-sostenn dirett tal-akbar azzjonisti fil-logħba tal-futbol, prinċipalment il-klabbs. Fil-fatt, is-Sur Rummenigge stqarr li mill-ewwel mumenti huwa appoġġa din l-inizjattiva, għaliex kien jidher li l-klabbs fl-Ewropa kienu qabdu direzzjoni żbaljata fejn jidħlu l-finanzi.

Il-kap tal-ECA tenna li kien wasal iż-żmien opportun biex kulħadd jieqaf u jirrifletti u eventwalment jittieħdu d-deċiżjonijiet bżonnjużi li jwasslu aktar razzjonalità fil-livell ta' futbol tal-klabbs.

Is-Segretarju Ġenerali tal-UEFA, Gianni Infantino, ukoll intervjena kemm-il darba fuq dan is-suġġett u dejjem kien sod f'dak li qal. Matul l-aħħar ġimgħat huwa sostna li l-klabbs għandhom ikunu aktar dixxiplinati fl-infiq tagħhom. Id-dħul iġġenerat mill-futbol kompla jikber hekk kif mir-rapporti finanzjarji tal-2009 kien ħareġ li l-flus iġġenerati mill-klabbs fl-ogħla diviżjoni ta' kull pajjiż Ewropew kienu laħħqu s somma ta' €11.7 biljun.

Iżda ż-żieda fl-ispejjeż waslet ukoll biex it-telf kiber ukoll u s-somma waslet sa €1.2 biljun fi flus netti. Dan l-ammont kważi rdoppja mis-sena ta' qabel, kaġun li ħafna klabbs bdew jonfqu flus esaġerati f'salarji ta' plejers. Id-dejn frott tat-trasferimenti ta' bejn il-klabbs ukoll laħaq ċifri fenomenali, tant, li s-somma ta' €2.2 biljun kienet irreġistrata bħala dejn bejn il-klabbs.

Dan kollu wassal biex wieħed minn kull tmien awdituri tal-klabbs esprima nuqqas ta' ċertezza kif il-klabb seta' jkompli jopera fix-xhur ta' wara. Fil-fatt il-klabbs kienu mgħarrfa li kellhom jibdew janalizzaw is-sitwazzjoni prekarja tagħhom biex jibdew jistudjaw u jbiddlu l-istrateġiji operattivi tagħhom. Dawn kienu mħeġġa biex jibdew jadottaw il-*break even rule*, li ma tfisser xejn ħlief li tgħix biss bl-introjtu li jkollok u ma tagħmilx dejn.

Il-UEFA tawgura li l-klabbs kollha membri jagħmlu minn kollox biex jissodisfaw ir-rekwiżiti neċessarji li din ir-rivoluzzjoni fl-operat se ġġib magħha. L-impatt negattiv ta' klabb li sportivament ikun ikkwalifika biex jikkompetti fil-UEFA Champions League jew il-UEFA Europa League u minħabba raġunijiet finanzjarji jkun skwalifikat milli jagħmel dan, se jħalli efett mhux pjaċevoli, iżda jekk xi klabbs ma jirrispettawx dak li qablu fuqu l-komponenti kollha tal-familja tal-futbol ... iridu jiffaċjaw il-konsegwenzi.

Michel Platini saħaq, "... m'hemmx lok biex induru lura."



Jonathan Caruana (Malta) attakkat minn Ben Sahar (Iżrael)

# Intemmu l-impenji fuq nota negattiva



L-eks erba' plejers tat-tim nazzjonali - Gilbert Agius, Carmel Busutti, Joe Brincat u David Carabott, flimkien mal-president tal-Youth FA, Fr. Hilary Tagliaferro, wara li ġew onorati mill-UEFA



John Hutchinson (Malta) jirbaħ dwell kontra Lior Refaelov (Iżrael)

It-tim nazzjonali Malti temm l-impenji tiegħu tal-preliminari tal-Euro 2012, fuq nota negattiva meta, fl-Istadium Nazzjonali, safa megħlub bl-iskor ta' 2-0 mill-Iżrael.

Il-kowċ, John Buttigieg, kellu jagħmel bosta tibdiliet fit-tim Malti minħabba s-sospiżi Andrew Cohen u Clayton Failla filwaqt li Jonathan Caruana u Michael Mifsud kienu qed jirritornaw wara li rkupraw minn *injury*.

Minkejja li Iżrael ma ġewx bl-aqwa formazzjoni possibbli, huma xorta waħda kienu tajbin biżżejjed biex ħadu t-tliet punti minkejja li ma swew għalxejn minħabba li spiċċaw fit-tielet post.

Il-gowl kmieni li sofrew il-Maltin ħalla l-impatt tiegħu minħabba li matul l-ewwel taqsima dehru diżullużi u konfużi fl-ideat tagħhom biex l-avversarji setgħu anke daħlu jistriehu f'vantaġġ akbar.

Iżda matul it-tieni taqsima, it-tim Malti tejjeb il-prestazzjoni tiegħu, tant, li kien hemm ħinijiet fejn qasam l-inizjattiva mal-avversarji ... u anke kien sfortunat li ma kisibx id-draw meta x-xutt ta' Gareth Sciberras ġie mċaħħad mill-mimduda.

Iżda, min-naħa l-oħra, l-Iżraeliti wkoll kellhom ballun li ħabat mal-mimduda minn daqqa ta' ras ta' Ben Sahar biex fil-ħin miżjud komplew jagħtuna d-daqqa mortali.

Qabel il-partita, l-erba' plejers, David Carabott (122), Gilbert Agius (119), Carmel Busuttil (113) u Joe Brincat (103), flimkien ma' 109 plejers oħrajn madwar l-Ewropa, ġew onorati mill-UEFA wara li lagħbu l-100 partita għat-tim nazzjonali.

L-eks plejers Maltin ġew ippreżentati b'midalja u beritta kommemorattiva mill-Kap Eżekuttiv tal-MFA, is-Sur Bjorn Vassallo, u mill-President tal-Youth FA, Fr. Hilary Tagliaferro.

0-1 (11 min) - Wara bidu kwiet, Iżrael fetħu l-iskor meta Talb Twatha xeħet cross insidjuż fil-kaxxa Maltija biex Lior Refaelov kien pront għeleb lil Andrew Hogg mill-viċin.

0-2 (92 min) - Meta kollox deher li l-partita se tispiċċa f'telfa ta' 1-0, Iżrael issiġillaw ir-rebħa minn gowl li seta' ġie evitat meta minn qagħda angolata, Rami Gershon, irnexxielu jsib ix-xibka permezz ta' daqqa ta' ras.

# Prestazzjoni diżappuntanti



It-tim Malti - Wara - Ryan Fenech, Andrei Agius, John Hutchinson, Jonathan Caruana, Carlo Mamo, Andrew Hogg - Quddiem - Paul Fenech, Roderick Briffa, Ivan Woods, Michael Mifsud, Gareth Sciberras



It-tim ta' Iżrael - Wara - Dudu Aouate, Rami Gershon, Ben Sahar, Tomer Hemed, Nir Biton, Lior Refaelov - Quddiem - Bebras Natcho, Maor Buzaglo, Dani Bondarv, Eyal Golasa, Talb Twatha

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena sofra telfa ta' 2-0 kontra l-Litwanja f'wirja diżappuntanti wara l-aspettattivi għoljin wara r-riżultat tant pożittiv ta' 2-2 kontra l-Ukrajna, erbat ijiem qabel.

Minkejja li l-Maltin kellhom il-vantaġġ psikoloġiku wara li kienu għelbu lill-istess Litwani bl-iskor ta' 2-1, f'Siauliai, fis-7 ta' Ġunju li għadda, l-avversarji kellhom ideat oħra minħabba li pattew għal dan id-diżappunt u ħadu dak li riedu.

Fil-bidu tal-partita, il-Maltin taw l-impressjoni li kienu ser jirrepetu l-wirja ta' kontra l-Ukrajna iżda, b'mod gradwali, il-Litwani bdew jissetiljaw biex anke rebħu l-inizjattiva għal ħinijiet twal.

Il-gowl li skorjaw wara 25 minuta logħob, ta stimolu psikoloġiku lil-Litwani biex setgħu jamministraw kull sitwazzjoni għajr xi attakk iżolat tal-Maltin.

Fit-tieni taqsima, it-tim immexxi minn Ronald Vella, minħabba li l-kowċ Ray "Żażu" Farrugia kien qed jiskonta sospensjoni ta' partita, ipprova joħroġ ifittex il-gowl tad-draw u resaq viċin permezz ta' Triston Caruana u Terence Vella.

Bil-Litwani jibqgħu l-aħjar tim, huma għalqu l-partita proprju mas-siegħa logħob meta rdoppjaw biex l-iskor baqa' ma nbidilx sas-suffara finali.

0-1 (26 min) - Il-Litwani fetħu l-iskor meta mill-korner ta' Vytautus Andriuskevicius, daħal Martynas Dapkus bħal vleġġa li mill-viċin għeleb lil Steve Sultana.

0-2 (59 min) - L-avversarji għalqu l-partita meta Tadas Eliousius għadda lejn Arturas Zulpa li, wara li kkontrolla l-ballun, venven xutt minn tarf il-kaxxa l-kbira li ma ta l-ebda ċans lill-gowlkiper Malti jsalva.

### Euro 2012

**11.10.2011 - 19.00 hrs**

**Malta** 0

**Iżrael** 2
L. Refaelov 11, R. Gershon 92

HT 0-1 **National Stadium**

**Malta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana (Steve Borg 82), Carlo Mamo, Gareth Sciberras, Andrei Agius, Ryan Fenech, Roderick Briffa, Michael Mifsud, Paul Fenech (Edward Herrera 64), John Hutchinson, Ivan Woods (Christian Caruana 81)
*Coach* – John Buttigieg

**Iżrael** – Dudu Aouate, Dan Bondaru (Waftali Gil Vermouth 57), Talb Twatha, Rami Gershon, Nir Bitton, Maor Buzaglo Bar, Bibars Natcho, Eyal Golsa, Lior Refaelov (Almog Cohen 49), Ben Sahar (Tal Ben Chaim 78), Tomer Hemed
*Coach* – Luis Fernandez

**Referee** – Bruno Miguel Duarte Paixao (Portugall)
**Assistenti** – Jose Cardinal, Venancio Tome (Portugall)
**Raba' Uff.** – Joao Ferreira (Portugall)
**Ammoniti** – I. Woods, A. Agius (M)

**GRUPP F**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Greċja | 10 | 7 | 3 | 0 | 14 | 5 | 24 |
| Kroazja | 10 | 7 | 1 | 2 | 18 | 7 | 22 |
| Iżrael | 10 | 5 | 1 | 4 | 13 | 11 | 16 |
| Latvja | 10 | 3 | 2 | 5 | 9 | 12 | 11 |
| Georgia | 10 | 2 | 4 | 4 | 7 | 9 | 10 |
| Malta | 10 | 0 | 1 | 9 | 4 | 21 | 1 |

### Under 21

**11.10.2011 - 15.00 hrs**

**Malta** 0

**Litwanja** 2
M. Dapkus 26, A. Zulpa 59

**HT 0-1 Gozo Stadium**

**Malta** – Steve Sultana, Luca Martinelli, Zach Muscat, Owen Bugeja, Rowen Muscat, Leighton Grech (Steve Pisani 72), Terence Vella, Clyde Borg (Lydon Micallef 64), Bjorn Kristensen, Matthew Gauci, Triston Caruana
*Coach* – Ronald Vella

**Litwanja** – Emilijus Zubas, Emestas Pilypas, Audrius Brokas (Jaunius Juozaitis 62), Arturas Zulpa, Tadas Eiosius, Fedor Cemych, Vytautas Andriuskevicius, Karolis Chvedukas, Simonas Paulius, Martynas Dapkus, Aurimas Vilkaitis
*Coach* – Mindaugas Neoras

**Referee** – Vlado Glodjovic (Serbja)
**Assistenti** – Dalibor Durdevic, Goran Kojic (Serbja)
**Raba' Uff.** – Dragan Krstic (Serbja)
**Ammoniti** – E. Zubas (L); L. Grech (M)

**GRUPP F**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Svezja | 4 | 3 | 1 | 0 | 7 | 1 | 10 |
| Slovenja | 5 | 3 | 1 | 1 | 8 | 3 | 10 |
| Finlandja | 4 | 2 | 1 | 1 | 3 | 2 | 7 |
| Malta | 6 | 1 | 2 | 3 | 6 | 11 | 5 |
| Litwanja | 5 | 1 | 0 | 4 | 3 | 8 | 3 |
| Ukrajna | 2 | 0 | 1 | 1 | 2 | 4 | 1 |

# Insofru telfa f'wirja b

**Fl-aħħar partita away ta' Grupp F mill-preliminari tal-Euro 2012, Malta sofriet telfa ta' 2-0 fejn il-gowls waslu f'kull taqsima.**

Dan ir-riżultat jista' jitqies bħala wieħed diżappuntanti. Iżda l-prestazzjoni matul l-ewwel taqsima kienet aktar diżappuntanti meta t-tim Malti deher diżorjentat u beda jitlef il-pussess tal-ballun b'mod mill-aktar faċli biex beda jgħaddi l-inizjattiva lill-avversarji li bdew japprofittaw minn dan in-nuqqas biex bnew pressjoni fuq il-lasti tagħna.

Iżda matul it-tieni taqsima, l-istess tim kien ittrasformat fejn lagħab futbol aktar maħsub u intelliġenti u l-gowl li sofra wasal waqt li anke kien qed jaqsam il-logħob mal-avversarji.

Wieħed irid jammetti wkoll li nħass in-nuqqas tat-tliet plejers influwenti, id-difensur Jonathan Caruana u ż-żewġ attakkant Michael Mifsud u Daniel Bogdanovic, li kienu għadhom qed jirkupraw minn *injury*.

Il-plejers ta' Latvja mill-ewwel urew l-intenzjonijiet tagħhom fejn ħarġu fuq l-attakk biex jipprovaw jaħsdu lill-Maltin. Iżda filwaqt li l-istess Maltin kienu konfużi fl-ideat tagħhom, huma bdew jagħlqu l-ispazji fid-difiża biex ftit li xejn taw ċans lill-avversarji.

Imma żball fid-difiża, fit-33 minuta, ippermetta biex Latvja fetħu l-iskor meta Aleksejs Visnakovs tħalla waħdu fil-kaxxa u b'xutt angolat għeleb għal kollox lill-gowlkiper Andrew Hogg.

Il-Maltin ma kellhom l-ebda risposta ... anzi ... konna fortunati li ma dħalniex nistrieħu fi żvantaġġ ta' żewġ gowls meta, fit-43 minuta, il-lob ta' Maris Verpakovskis niżel fuq il-mimduda.

Wara l-mistrieħ, it-tim immexxi mill-kowċ John Buttigieg, ħareġ aktar avventuruż u kien ukoll sfortunat meta, fid-59 minuta, ix-xutt minbarra l-kaxxa ta' Clayton Failla għeleb għal kollox lill-gowlkiper Andris Vanins, li iżda, ġie miżmum minn sieq il-lasti u bl-illużjoni tal-gowl, il-ballun mexa tul il-linja fatali, ħabat ma' sieq il-lasti l-oħra u nqala' 'l barra.

Ta' din l-isfortuna, l-avversarji komplew jagħtuna d-daqqa mortali meta, fit-83 minuta, Aleksejs Viskanovs xeħet cross insidjuż u b'nuqqas ta' ftehim bejn il-gowlkiper Andrew Hogg u d-debuttant Steve Borg, il-ballun waqa' f'saqajn Artjoms Rudnves biex kien pront xeħet fir-rokna tax-xibka.



**Euro 2012**

**07.10.2011 - 19.00 hrs**

| | |
|---|---|
| **Latvja** | **2** |
| A. Visnakovs 33, A. Rudnevs 83 | |
| **Malta** | **0** |

HT 1-0 **Skonto Stadium, Riga**

**Latvja** – Andris Vanins, Oskars Kjava, Pavels Mikadjuks, Olegs Laizans (Ritvars Rugins 76), Deniss Ivanovs, Aleksejs Visnakovs, Aleksandrs Cauna, Maris Verpakovskis (Andrejs Rubins 90), Ivans Lukjanovs, Kaspars Gorkss, Artjoms Rudnevs (Edgars Gauracs 88)

*Coach* – Aleksandrs Starkovs

**Malta** – Andrew Hogg, Steve Borg, Gareth Sciberras (Paul Fenech 82), Andrei Agius, Ryan Fenech (Carlo Mamo 81), Clayton Failla, Roderick Briffa, Andrew Cohen, John Hutchinson, Andrè Schembri, Jamie Pace (Ivan Woods 69)

*Coach* – John Buttigieg

**Referee** – Richard Trutz (Slovakkja)

**Assistenti** – Roman Slyško, Erik Weiss (Slovakkja)

**Raba' Uff.** – Mário Vlk (Slovakkja)

**Ammoniti** – M. Verpakovskis, I. Lukjanovs (L); A. Agius, C. Failla, A. Cohen (M)




Gareth Sciberras (Malta) miżmum minn Olegs Laizans (Latvja)



Andrie Agius (Malta) jogħla fuq Artjoms Rudnevs (Latvja)



Taqtiegħa għall-ballun bejn Andrè Schembri (Malta) u Oleg Laizans (Latvja)

# 'żewġ uċuh

# Draw drammatiku kontra l-Ukrajna

**It-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena kiseb punt drammatiku meta fil-ħin miżjud irnexxielu jġib id-draw ta' 2-2 kontra l-Ukrajna.**

Kien draw merітат għat-tim Malti fejn fl-aħħar 20 minuta żied il-pressjoni tiegħu fuq il-lasti avversarji bl-arma tal-Ukreni tkun il-ħela ta' ħin biex jipprovaw joqtlu r-ritmu tal-partita.

Matul l-ewwel taqsima, it-tim Ukren kien l-aħjar tim fejn saħansitra daħal jistrieħ fil-vantaġġ ta' 2-1 liema tliet gowls waslu fi spazju ta' erba minuti.

Iżda wara l-mistrieħ, it-tim immexxi minn Ray "Żażu" Farrugia, wera karattru u determinazzjoni bil-konsegwenza li finalment ġie ppremjat.

0-1 (10 min) - Il-cross insidjuż ta' Illya Chaykovskiy ra lill-iżmarkat Roman Bezus jillobja l-ballun minn fuq ras il-gowlkiper Malti, Steve Sultana, għal ġox-xibka.

1-1 (11 min) - Appena għaddiet minuta, il-Maltin kisbu d-draw meta Terence Vella għeleb in-nasba tal-offside, avvanza u antiċipa l-ħarġa tal-gowlkiper Ukren, Maxym Koval, billi ġibed il-ballun lejn il-lemin u bil-kalma kollha xeħet il-ballun fix-xibka.

1-2 (13 min) - L-Ukrajna reġgħu marru fil-vantaġġ meta mill-freekick ta' Andrii Bogdanov, il-ballun wasal għand Roman Bezus li b'xutt angolat għeleb lil Steve Sultana wara li qabeż żewġ difensuri Maltin.

2-2 (94 min) - Il-Maltin kisbu d-draw drammatiku meta Luca Martinelli xeħet cross fit-tul fejn Rowen Muscat rebaħ il-ballun fi tliet kwarti ta' grawnd, avvanza u b'lob perfett xeħet lill-partitarji fil-Gozo Stadium, f'dellirju ta' ferħ. Dan il-gowl ġab miegħu ukoll it-tkeċċija tal-kowċ Ray "Żażu" Farrugia wara ċelebrazzjonijiet eċċessivi ....

**07.10.2011 - 18.00 hrs**

**Malta** 2
T. Vella 11, R. Muscat 94

**Ukrajna** 2
R. Bazus 10, 13

**HT 1-2 Gozo Stadium**

**Malta** – Steve Sultana, Luca Martinelli, Owen Bugeja (Kane Paul Farrugia 62), Rowen Muscat, Leighton Grech, Terence Vella (Lydon Micallef 81), Miguel Ciantar, Yessous Camilleri, Clyde Borg (Triston Caruana 62), Bjorn Kristensen
*Coach* – Ray "Żażu" Farrugia

**Ukrajna** – Maxym Koval, Iurii Putrash, Serhiy Kryvtsov, Vasyl Pryyma, Ihor Chaykovskiy, Roman Bezus, Illya Mykhalov, Yevhen Shakhov, Igor Plastun, Andri Bogdanov (Oleksandr Karavayev 92), Iaroslav Oliinyk
*Coach* – Pavlo Yakovenko

**Referee** – Stavros Tritsonis (Greċja)
**Assistenti** – Grigorios Panou, Dimitris Tatsis (Greċja)
**Raba' Uff.** – Anastassios Kakos (Greċja)
**Ammoniti** – M. Ciantar, Y. Camilleri, T. Caruana (M); Iurii Putrash, R. Bezus 85, I. Oliinyk (U)



Clayton Failla (Malta) jirbaħ id-dwell kontra Olegs Laizans (Latvja)



Clatyon Failla (Malta) jiddefendi l-ballun minn Aleksejs Visnakovs (Latvja)




Daniel Mariano Bueno (Tarxien R.) jattakka lil Clayton Failla (Hibernians)

# Hibernians jaqbżu fl-ewwel post tal-klassifika

Wara li fil-25 ta' Settembru li għadda, Hibernians għelbu lil Valletta biex minbarra li waqqfulhom is-serje ta' 37 partita mingħajr telfa, huma qabżu waħedhom fil-quċċata tal-klassifika liema pożizzjoni baqgħu jżommu matul ix-xahar ta' Ottubru hekk kif mill-bidu tal-istaġun ġew miżmuma fi draw waħda u rebħu seba' partiti konsekuttivi.



Ivan Woods (Floriana) f'morsa bejn Steve Borg u Roderick Briffa (Valletta)



Pedro Dos Santos Calcado (Balzan Y.) ittakiljat minn Orosco Anonam (Tarxien R.)

U ladarba qed insemmu l-kelma "konsekuttivi" sakemm qed jinkiteb dan l-artiklu, l-attakkant Brażiljan ta' Hibernians, Edison Luis Dos Santos, kiser ir-rekord ta' Danilo Doncic ta' konsekuttività ta' gowls.

Dos Santos skorja f'kull partita li s'issa lagħbu l-Pawlisti, b'total ta' 10 gowls, bejn id-19 ta' Awwissu, 2011, u l-21 ta' dan ix-xahar fejn skorja kontra Sliema W. 3-3 (2), Marsaxlokk 2-1 (1), Birkirkara 3-0 (1), Balzan Y. 3-1 (1), Valletta 2-0 (2), Tarxien R. 2-0 (1), Mosta 2-0 (1) u Mqabba 4-1 (1).

Bil-flokk ta' Sliema Wanderers, Danilo Doncic, skorja (15-il gowl) f'seba' partiti in fila mill-bidu tal-istaġun bejn it-18 ta' Awwissu, 2001 u s-17 ta' Ottubru, 2001.

Intant, Valletta baqgħu jżommu l-pass mal-Pawlisti wara li rkupraw mit-telfa kontrihom stess biex imbagħad għelbu lil Birkirkara (2-1) u lir-rivali eterni Floriana (1-0).

Iżda minkejja din it-telfa, Floriana xorta waħda baqgħu jokkupaw it-tielet post fejn proprju nhar it-Tnejn li ġej, 31 ta' Ottubru, jilagħbu f'konfront diffiċli kontra Birkirkara liema tim huwa meqjus li se jkun minn fost l-isfidanti ewlenin.

Matul dan ix-xahar ukoll, saret tibdila fit-tmexxija tat-tim hekk kif il-kumitat Karkariż reġa' ta fiduċja lill-

kowċ Paul Zammit wara li l-amministrazzjoni preċedenti temmet il-kuntratt tiegħu matul is-sajf li għadda.

Konsistenti fl-inkonsistenza huma Sliema Wanderers hekk kif jinsabu fis-sitt post meta din il-pożizzjoni mhijiex aċċettabbli ... meta wieħed iqis l-investiment li sar fl-iskwadra matul is-sajf li għadda.

Mingħajr ma jitnaqqas l-ebda mertu tar-rebħa ta' 3-2 ta' Mosta fuq il-Wanderers, dan ir-riżultat ifisser li l-Blues għaddejjin minn mument diffiċli wara li waqqgħu wkoll punti kontra Balzan Youths u umiljati minn Hamrun Spartans bl-iskor ta' 4-2 ...

B'mod gradwali u mingħajr l-ebda pretensjoni, Qormi qed isibu saqajhom fin-naħa ta' fuq tal-klassifika biex jibbukkjaw posthom mal-ewwel sitta għat-Tieni Fażi.

Mqabba jibqgħu t-tim rivelazzjoni li bil-limitazzjonijiet tagħhom qed jiġbru l-punti li jistgħu jservuhom mitqlu deheb fit-tentattiv li għall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb isalvaw posthom fl-ogħla diviżjoni.

Marsaxlokk jidhru ttrawmatizzati mill-problemi ammistrattivi li ħakmu lill-klabb matul dawn l-aħħar ġimgħat bil-konsegwenza li jinsabu fl-10 pożizzjoni.

Hamrun Spartans huma l-enigma ta' dan il-Kampjonat hekk kif l-aspettattiva tagħhom hija dejjem waħda għolja minkejja li jinsabu fid-disa' post. Fuq il-karta jidhru minn fost l-aqwa timijiet iżda ... min qed jiddiżappunta? .... ħaġa ċerta hija li uhud mill-plejers barranin mhumiex tal-livell mixtieq.

It-tim promossi ta' Balzan Youths u Mosta kisbu l-ewwel rebħa tagħhom. Il-Youths għandhom żewġ rebħiet iżda waħda minnhom kisbuha fuq il-mejda meta rebħu protest fuq Hamrun Spartans proprju fl-ewwel partita tal-kampjonat.

L-aktar tim li ddiżappunta s'issa huwa, bla dubju, Tarxien Rainbows. Rinomati li jimportaw minn fost l-aqwa plejers barranin fil-logħba domestika, din id-darba il-"makna" tas-suq tat-trasferimenti mhix qed tiffunzjona fil-massimu tagħha u għaldaqstant qed tħalli mpatt negattiv fuq il-kumplament tal-iskwadra .....



**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 8 | 7 | 1 | 0 | 21 | 6 | 22 |
| Valletta | 8 | 7 | 0 | 1 | 19 | 8 | 21 |
| Floriana | 8 | 5 | 1 | 2 | 13 | 5 | 16 |
| Qormi | 8 | 4 | 1 | 3 | 15 | 11 | 13 |
| Birkirkara | 8 | 4 | 1 | 3 | 14 | 10 | 13 |
| Sliema W. | 8 | 3 | 3 | 2 | 14 | 13 | 12 |
| Mqabba | 8 | 3 | 1 | 4 | 10 | 15 | 10 |
| Balzan Y. | 8 | 2 | 2 | 4 | 9 | 14 | 8 |
| Hamrun S. | 8 | 2 | 1 | 5 | 8 | 15 | 7 |
| Marsaxlokk | 8 | 2 | 1 | 5 | 14 | 19 | 7 |
| Tarxien R. | 8 | 1 | 1 | 6 | 9 | 19 | 4 |
| Mosta | 8 | 1 | 1 | 6 | 7 | 18 | 4 |



Daniel Nwoke (Qormi) ivenven xutt lejn il-lasti ta' Marsaxlokk



Joseph Zerafa (Birkirkara) jaqbeż lil Nikicu Gucesa u Rupert Mangion (Hamrun S.)

# 151 gowl
# 69 Skorers

10 - Edison Luis Dos Santos (Hibernians)

7 - Clayton Failla (Hibernians); Obinna Obiefuel (Marsaxlokk)

6 - Moises Avila Perez (Birkirkara)

5 - Bojan Mamic (Mqabba); Joseph Farrugia (Qormi); William Barbosa Da Silva (Valletta)

4 - Christian Caruana (Floriana); Martin Deanov (Marsaxlokk); Jorge Pereira Da Silva (Qormi); Daniel Mariano Bueno (Tarxien R.); Alfred Effiong (Valletta)

Puli qal li l-Gvern qed jappoġġja din l-inizjattiva organizzata mill-KMS u l-Youth FA għaliex permezz ta' dan il-programm jistgħu jibbenefikaw it-8,400 tfal u żgħażagħ mill-50 nursery reġistrati mal-Youth FA. Aktar minn hekk il-programm se jkun qed jagħti spazju lill-ġenituri ta' dawn it-tfal li jipparteċipaw fih u jitgħallmu aktar dwar kif jieħdu ħsieb saħħithom u dik ta' wliedhom.

L-Onorevoli Puli temm jgħid li dawn it-tip ta' programmi huma tabilħaqq investiment dirett fil-futur ta' uliedna.

# Skolasport: Programm ta' suċċess mill-KMS għat-tfal u l-adulti









Il-Kunsill Malti għall-iSport jorganizza l-programm sportiv ta' Skolasport bl-għajnuna ta' Kellogg's minn Ottubru sa Mejju, kull nhar ta' Sibt filgħodu. Dan il-programm jinkludi l-parteċipazzjoni ta' tfal li l-età tagħhom hi bejn l-4 u s-16-il sena u jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' adulti sabiex anke dawnk jieħdu sehem f'attivita' fiżika.

L-għan aħħari ta' Skolasport m'huwiex biss li tiżdied il-parteċipazzjoni tat-tfal f'diversi dixxiplini sportivi, iżda sabiex it-tfal ikunu mħeġġa jieħdu l-isports bħala mezz tal-għajxien tagħhom. Għaldaqstant l-għanijiet prinċipali ta' din l-iskola mmexxija mill-KMS huma:

- Biex jiżdiedu t-tipi ta' sport rikreazzjonali u attivitajiet fiżiċi li joffru esperjenzi u opportunitajiet sabiex it-tfal u l-adulti jippruvaw diversi attivitajiet sportivi li jistgħu jagħmlu matul il-ħajja tagħhom.
- Biex tkun provduta opportunità għal kulħadd sabiex wieħed ikun jista' jipparteċipa fl-isport tal-għażla tiegħu bħala parti minn ħajja attiva
- Biex tippromovi l-iżvilupp individwali u l-integrazzjoni soċjali
- Biex tipprovdi l-opportunità lit-tfal u l-adulti biex ikollhom esperjenza pjaċevoli filwaqt li tiżdied il-ħila fiżika

Il-programmi li qed jiġu offruti t-tfal jgħinu jiżviluppaw il-kapaċitajiet personali tagħhom f'dixxiplini sportivi differenti. L-istruttura li hemm fi Skolasport tħaddan lit-tfal ta' etajiet differenti bi programmi mfassla fuq l-attività fiżika, logħob ta' rikreazzjoni, sport edukattiv, divertiment, Fair Play u l-iżvilupp tat-talent. Għaldaqstant Skolasport toffri tliet moduli:

*Foundation Programme* għal tfal bejn l-4 u s-6 snin: hawnhekk it-taħriġ ikun mogħti fil-ħiliet bażiċi u għaldaqstant dan il-programm jipprovdi u jiżgura li jkun hemm kompetenza fiżika, l-iżvilupp ta' ħiliet u li wieħed jifhem it-tekniki bażiċi.

*Participation Programme* għal tfal bejn is-7 u l-10 snin: f'dan il-programm it-tfal jingħataw l-opportunità ta' esperjenza f'diversi dixxiplini sportivi. Il-programm jaħdem fuq bażi ta' rotazzjoni fejn it-tfal huma mħarrġa minn kowċis ta' esperjenza fid-dixxiplina rispettiva tagħhom. It-tfal jingħataw wkoll l-opportunità biex jesperjenzjaw l-isport li jintlagħab fuq barra.

*Perfomance Programme* għal tfal bejn id-9 u s-16-il sena: hawnhekk it-tfal jingħataw l-opportunità li jagħżlu l-isport favorit tagħhom sabiex jieħdu aktar għarfien u t-taħriġ fit-teknika użata f'dak l-isport.

L-attivitajiet organizzati minn Skolasport isiru fil-postijiet ewlenin tal-KMS fosthom il-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, il-Kumpless Sportiv tal-Marsa, il-Kumpless Sportiv f'Ħal-Kirkop u l-Kumpless Sportiv f'Tal-Qroqq. Minn din is-sena l-KMS qed jinkludi wkoll l-użu tal-iskola San Injazju, f'Tal-Ħandaq, l-iskola tal-bniet ta' Santa Klara, f'Pembroke, u l-iskola Maria Regina tas-Subien fil-Mosta. Il-KMS jaħdem ukoll mal-klabbs fid-diversi dixxiplini differenti waqt li jinkludi l-parteċipzzjoni tal-assoċjazzjonijiet sportivi li jorganizzaw id-dixxiplini varji.

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jibgħat email fuq programmes@sportmalta.org.mt jew iċempel fuq 21660658.

# Jibdew l-inizjattivi tal-KMS Sports Promotion Unit għal din is-sena skolastika

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt






Il-Kunsill Malti Għall-iSport huwa kburi b'dak li diġà wettaq fi żmien relattivament qasir, ibbażat fuq dak li wiret kif ukoll b'viżjoni ċara għall-futur. Tul is-snin inħolqu numru ta' programmi bl-għan li firxa wiesa' tas-soċjetà tkun ippreżentata b'opportunità attraenti biex tibda tipparteċipa fl-isport, takkwista ħiliet neċessarji biex tipparteċipa b'suċċess kif ukoll tilħaq il-potenzjal atletiku f'dik id-dixxiplina partikolari. Fejn l-aspirazzjonijiet tal-parteċipanti imorru lil hinn mis-suċċess sportiv, il-KMS ħoloq programmi speċifiċi li l-għan tagħhom huwa li issir attività fiżika għar-rikreazzjoni kif ukoll biex issir integrazzjoni għal nies li għandom barrieri speċifiċi li sfortunatament jimpeduhom milli jipparteċipaw fl-isport. Dawn it-tip ta' barrieri jafu jkunu soċjali, ekonomiċi, sess, abbiltà fiżika u livell ta' motivazzjoni kif ukoll età.

L-iSport Promotion Unit, bis-saħħa tal-aċċess għall-istudenti fl-iskejjel tal-istat tista' tilħaq numru kbir ta' tfal u żgħażagħ u tesponi l-missjoni tal-Kunsill Malti Għall-iSport. Għal dan il-għan qed jiġu żviluppati faċilitajiet ġodda madwar Malta b'investiment sostanzjali tal-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tagħna. Huwa l-obbligu tagħna li nagħmlu użu massimu minn dawn il-faċilitajiet biex b'hekk l-investiment jilħaq l-iskop tiegħu fost il-poplu Malti u Għawdxi.

## L-iSkop tal-iSport Promotion Unit

L-għan prinċipali tal-iSport Promotion Unit hu li b'mod konkret titkattar il-kultura sportiva fost it-tfal u żgħażagħ tagħna li huma studenti fil-Kulleġġi tal-iStat f'Malta biex ikun assigurat li l-ġenerazzjonijiet tal-futur ikollhom ħajja iktar b'saħħitha permezz ta' aktar parteċipazzjoni fl-isport u attvitajiet fiżiċi oħra. Dan se jkun qed isir billi l-SPU jmorru għand iż-żgħażagħ b'attvitajiet iktar interessanti li jagħmlu l-attività fiżika iktar attraenti biex iktar tfal u żagħżagħ jiġu mħajra jgħixu ħajja iktar attiva u li fl-aħħar mill-aħħar twassal għal soċjetà li tifhem, tapprezza u tadotta stil ta' ħajja iktar b'saħħitha.

## Il-Programmi tal-iSport Promotion Unit

L-iSport Promotion Unit taħdem fuq sitt programmi:

1. *Fundamental Basic Skills*
2. *College-based Sport Activities*
3. *School-Association/Club links* (*In-house coaching clinics* u *Festivals/Tournaments*)
4. *Outdoor Activities*
5. Ħolqien ta' *Pathways fl-iSport* lil kull student permezz tal-programmi tal-Kunsill Malti Għall-iSport (eżempju Skolasport, *After School Sport* ect.)
6. *Sports Fun*

## Fundamental Basic Skills

*(bejn it-2 u l-5 sena tal-primarja)*

L-ewwel programm huwa dak tal-*Fundamental Basic Skills*. Dan il-programm huwa mifrux fuq erba' snin tul l-iskola primarja, fejn f'kull sena se jsir seba' sigħat ta' attività mmirata speċifikament biex issaħħaħ l-imħabba lejn l-attività fiżika u l-ħiliet bażiċi li huma bżonnjużi fl-isport. Dan il-programm se jkun offrut bla ħlas lill-

# Aktar ħidma mill-KMS Sport





iskejjel primarji tal-istat kollha. Meta s-sessjonijiet isiru barra l-faċilitajiet offruti mill-iskola, ikun organizzat trasport għall-istudenti.

**Mass Movement**

*(it-tieni sena tal-Primarja)*

Fit-tieni sena tal-primarja jsir il-programm tal-*Mass Movement*. In-natura tat-tfal tiġbidhom li jiċċaqalqu u jilagħbu. L-għan ta' dan il-programm huwa proprju biex it-tfal jifhmu li l-attività fiżika għandha tkun parti mill-ħajja ta' kuljum tagħna u li wieħed jista' jsib sodisfazzjon f'attività simili anki meta din issir għall-pjaċir. Dan se jintlaħaq permezz ta' esperjenzi pjacevoli bħal żfin *hip-hop* u *educational dance*.

**Ġinnastika**

*(it-tielet sena tal-Primarja)*

Fit-tielet sena tal-primarja, it-tfal se jkunu mgħallma l-ħiliet bażiċi tal-ġinnastika. F'dawn is-sessjonijiet se jsiru attivitajiet li jiżviluppaw il-bilanċ, is-saħħa, il-qbiż, il-kuntrumbajsi u ħiliet oħra li jwasslu biex l-istudenti jkunu kapaċi jagħmlu r-rutina tal-ġinnastika. Din issir skond l-abbiltà tal-istudenti quddiem sħabhom biex tissaħħaħ il-kunfidenza. Se tingħata mportanza lill-iżvilupp tal-kreattività tal-individwu peress li l-ħiliet se jiġu mwassla bl-użu ta' eżerċizzji fi gruppi u oħrajn individwali.

**Atletika**

*(ir-raba' sena tal-Primarja)*

F'dawn is-sessjonijiet se jiġu żviluppati l-ħiliet tal-atletika: il-ġiri, l-qbiż u t-tfigħ. Permezz ta' dawn il-lezzjonijiet se jiġu żviluppati l-ħiliet tad-diversi dixxplini tal-atletika bħal *sprinting, long jump* u *javelin throw* kif ukoll firxa aktar wiesa' ta' eżekuzzjoni ta' dawn il-ħiliet li jippermettu lit-tfal jużaw dawn f'dixxiplini sportivi oħra. Apparti dawn is-sessjonijiet kull student se jkun qed jipparteċipa *f'Kids' Athletics Events* fuq il-linji gwida tal-IAAF (l-organizzazzjoni Internazzjonali tal-Atletika)

**Għawm**

*(il-ħames sena tal-Primarja)*

L-għan ta' dan il-programm hu li jkunu żviluppati ħiliet akwatiċi fosthom teknika tal-għawm kif ukoll ħarsien personali u kunfidenza ħdejn il-baħar. Fost il-ħiliet mgħallma se jkun hemm; in-nifs, *buoyancy, floating* u koordinazzjoni tal-moviment. Dawn se jwasslu għall-iżvilupp bażiku ta' diversi tekniċi meħtiga fl-għawm.

Minn din is-sena, l-istudenti se jiġu maqsuma f'numru ta' livelli skond l-abbiltà tagħhom u se jaħdmu biex jakkwistaw l-ewwel żewġ livelli tal-*KMS Malta Swimming Awards* li diġà qed ikunu użati fi Skolasport, *Summer on the Move* u programmi oħra tal-Kunsill Malti Għall-iSport li fihom isir l-għawm. Dan għandu jgħin lit-tfal biex ikomplu din id-dixxiplina barra l-ħin tal-iskola kif ukoll iservu bħala wieħed mill-komponenti tal-*KMS Fundamental Basic Skills Certificate*.

Is-sessjonijiet isiru fil-pixxina nazzjonali f'tal-Qroqq

**Attivitajiet fil-kulleġġ**

F'kull kulleġġ gie assenjat għalliem li se jaħdem biex l-għan tal-iSport Promotion Unit jintlaħaq. Fost xogħol ieħor dan l-għalliem se jkun qed jiżgura ammont minimu ta' attivitajiet lil kull

# Promotion Unit










student fil-kulleġġ tiegħu.

Għall-istudenti tal-ewwel u t-tieni sena tal-primarja se jkunu organizzati *ABC Days* li fihom se ssir prattika ta' logħob li jgħinu l-iżvilupp tal-aġilità, bilanċ u kordinazzjoni tat-tfal li huma il-ħiliet fundamentali ta' kull dixxiplina sportiva. Għall-istudenti tat-tielet u r-raba' sena se jiġu organizzati *Fun Days* fejn issir prattika ta' eżercizzji relatati mal-ħiliet bażiċi ta' diversi sport bħall-*passing, dribbling, shooting, jumping, dodging* u *tagging*. Għall-istudenti tal-ħames u s-sitt sena se jkunu organizzati *Multi-Sport Days* li fihom it-tfal se jilagħbu numru ta' logħob fil-forma tad-dixxiplina sportiva li tista' tkun kemm dik uffiċjali jew verżjoni modifikata li tkun ta' aktar ġid għat-tfal, bħal eżempju b'numru inqas ta' *players, pitches* iżgħar, tul ta' ħin iqsar jew distanzi iqsar.

Għall-iStudenti tal-Form 1 se jkunu organizzati *Team Building Activities* fejn permezz ta' attività fiżika jew sportiva, it-tfal jitgħallmu jaħdmu aħjar ma' xulxin biex jilħqu għan komuni. F'dawn l-attivitajiet il-bniet u s-subien se jkunu qed jipparteċipaw flimkien.

Għall-istudenti tal-Form 2 u Form 3 se jkunu organizzati żewġ *Multi-Sport Days* għal kull student. F'dawn l-attivitajiet it-tfal se jkunu qed jipprattikaw numru ta' sport bir-regoli uffiċjali ta' dak l-isport (fejn hu possibli). F'dawn l-attivitajiet jistgħu jinħolqu jew jiġu msaħħa r-relazzjonijiet ma' diversi assoċjazzjonijiet fir-reġjun/lokalità u jkunu ta' promozzjoni diretta f'dawn l-isport.

## Sport Pathways

L-għalliema fi ħdan l-iSport Promotion Unit immexxija mis-Sur Robert Portelli, għandhom jadottaw rwol ta' rappreżentati tal-Kunsill Malti Għall-iSport fir-reġjun/lokalità biex iwasslu l-messaġġ u l-għanijiet tal-Kunsill b'mod dirett liċ-ċittadini. L-għalliema se joffru servizz ta' gwida (iktar milli sempliċiment promozzjoni) biex jgħinu lil kull student jidħol fid-dinja sportiva. Permezz ta' dan is-servizz l-għalliema se jinformaw lill-istudenti dwar attivitajiet li qed iseħħu fir-reġjun tagħhom kemm mill-organizzazzjonijiet reġistrati mal-Kunsill Malti Għall-iSport kif ukoll programmi mill-istess Kunsill. Dan għandu jwassal biex jinħolqu *pathways* li permezz tagħhom student mhux biex jidħol fid-dinja sportiva imma f'każ li l-istudent jixtieq ibiddel l-attività, l-għalliem se jiffaċilita dan u jaċċerta li ma jkunx hemm *dropouts*. L-għalliem għandu jagħmel r-rakkomandazzjonijiet abbażi tal-aspirazzjonijiet tal-istudent u jgħaddi kull informazzjoni possibbli dwar l-attività. Bħal kull prattika normali f'attività simili, għandu jintalab il-kunsens tal-ġenituri.

## School-Association/ Club links

Kull assoċjazzjoni reġistrata mal-Kunsill Malti Għall-iSport ġiet mistiedna biex taħdem iktar mill-qrib mal-istudenti tal-iskejjel statali permezz ta' żewġ programmi. L-ewwel programm huwa dak ta' organizzazzjoni ta' festivals u jew tournaments filwaqt li t-tieni programm huwa mmirat biex jiffaċilita x-xogħol tal-assoċjazzjonijiet fl-iskejjel bil-għan li jippromwovu l-isport tagħhom permezz ta' *coaching sessions*. L-assoċjazzjonijiet konċernati se jkunu qed jipprovdu l-faċilitajiet u l-uffiċjali neċessarji biex isiru dawn l-attivitajiet.

## Regatta tal-Vitorja

# Ippreżentata l-għotja finanzjarja u sussidji lill-klabbs

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt







# L-ebda test tad-doping ma rriżulta pożittiv

F'ċerimonja fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera ġiet ippreżentata għotja finanzjarja u s-sussidji lill-klabbs kollha li ħadu sehem fl-aħħar edizzjoni tar-regatta ta' Jum il- Vitorja.

Din il-preżentazzjoni serviet ta' opportunità biex il-KMS, l-Għaqda Regatta Nazzjonali u l- klabbs kollha jingħaqdu u jiddiskutu r-riżultati miksuba. Ms. Margaret Mercieca, Direttriċi fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport u chairperson tal-Kumitat Organizzativ, tar-regatta esprimiet is-sodisfazzjon tagħha li ma kien hemm l-ebda riżultat ikkontestat u għalhekk din l-attività nazzjonali kellha riżultat pożittiv u kif ukoll ħalliet aktar qliegħ ta' flus għall-klabbs involuti.

Iċ-chairperson kienet sodisfatta ukoll mir-riżultati tat-testijiet tad-doping li kollha kienu negattivi. Fl-aħħarnett, Mercieca irringrazzjat lill-klabbs kollha mhux biss għall-parteċipazzjoni tagħhom matul it-tiġrijiet iżda wkoll għall-parteċipazzjoni tagħhom matul il-jiem qabel l-attività. Infatti matul dawn il-jiem kien hemm it-tnehid ta' regoli ġodda li l-klabbs, flimkien mal-KMS, ħassew il-bżonn li jkun hemm dawn it-tip ta' regolamenti. Mercieca kompliet billi saħqet dwar l-importanza li l-ko-operazzjoni tkompli tinbena bħal fis-snin l-imgħoddija biex b'hekk jinkisbu riżultati aqwa fir-regatta u dan l-isport jikber fil-popolarità.

**JOSEPH SAMMUT**
**CO. LTD. • Est. 1977**

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt




*Luxol jiċċelebraw is-suċċessi fuq Depiro*

# Jibda l-istaġun bil-kompetizzjonijiet tas-St. James Hospital Shield

## Iż-żewġ champions renjanti jirbħu dan l-unur

L-istaġun tal-Basketball beda bil-logħob tas-St. James Hospital Shield, fi tliet kategoriji, imma mit-tieni ġurnata saru ż-żewġ Super Cups, ħafna aktar kmieni mis-soltu.

It-tnejn li huma ntrebħu miċ-champions renjanti.

Fis-sezzjoni ta' l-Irġiel, A to Z Electronics Athleta għelbu lil Siggiewi, wara taqtiegħa missielta, biex rebħu dan l-unur għad-disa' darba waqt li kkontestaw 14-il finali. Sforz aħħari għal Siggiewi falla għal ftit biex Athleta ma tilfux il-vantaġġ li kellhom.

Fis-settur tan-Nisa, Luxol kienu superjuri għal McDonalds Depiro u l-vantaġġ li bnew sal-intervall ma ppermettiex lil Depiro jersqu viċin biżżejjed sat-tmiem. Depiro qatt ma setgħu jaslu viċin tal-avversarji biex Luxol kisbu t-tieni suċċess f'din il-kompetizzjoni.

### Super Cup Irġiel

**A to Z Electronics Athleta ........... 59**
**Siggiewi ........................................ 54**
(17-12, 15-17, 15-12, 12-13)

**Athleta:** 13 M. Naudi, 6 A. Fekete, 2 D. Schembri, M. Giusti, 16 O. Said, C. Calleja, 14 A, Bonnici, 5 K. Baldacchino, 3 D. Buhagiar
**Siggiewi:** R. Agius, 3 L. Camilleri, 9 P. Shoults, 3 E. Xuereb, 9 N. Sultana, 3 A. Borg, 8 C. Maier, 3 C. Kadomaris, 16 M. Matijevic
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, C. Terribile

### Super Cup Nisa

**Luxol .............................................. 60**
**McDonalds Depiro ....................... 42**
(12-6, 19-4, 13-18, 16-14)

**Luxol:** 4 S. Pace, 9 M. Sciortino, 2 L. Serge, 15 B. Naudi, 4 J. Busuttil Gaerty, 10 G. Zarb, 1 K. Portelli, A. Paul, 1 D. Muscat, 4 L. Chetcuti, 10 B. Zammit
**Depiro:** 2 A. Mifsud, E. Grech, J. Xuereb, T. De Martino, M. Bonett, 4 F. Bianco, G. Mifsud, 13 A. Borg, C. Sammut, E. Vella, 6 S. Micallef, 17 S. De Martino
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**Super Cup Irġiel**
**Rebbieħa**

| | |
|---|---|
| 1991 | Luxol Plasmon |
| 1992 | Luxol Plasmon |
| 1993 | Luxol Plasmon |
| 1994 | Depiro Eden Leisure |
| 1995 | Depiro Eden Leisure |
| 1996 | Depiro Eden Leisure |
| 1997 | Depiro Eden Leisure |
| 1998 | Fiat Luxol |
| 1999 | Pembroke Repsol |
| 2000 | Depiro Eden Leisure |
| 2001 | Pembroke Repsol |
| 2002 | Pembroke Allcom |
| 2003 | Pembroke Tumas Group |
| 2004 | Luxol Bupa |
| 2005 | Athleta Pembroke |
| 2006 | Hamrun L. Go Mobile |
| 2007 | Pembroke Sliema W. |
| 2008 | Luxol Bupa |
| 2009 | Luxol Bupa |
| 2010 | Athleta Compleet IS |
| 2011 | A to Z Electronics Ath. |
| 2012 | A to Z Electronics Ath. |

**Super Cup Nisa**
**Rebbieħa**

| | |
|---|---|
| 1992 | Luxol Plasmon |
| 1993 | Paola Stars Selekta |
| 1994 | Hibs Selekta |
| 1995 | Pembroke Assitalia |
| 1996 | Hibs Selekta |
| 1997 | Hibernians |
| 1998 | Pembroke |
| 1999 | Hibernians |
| 2000 | Naxxar Danone |
| 2001 | Hibs Go Mobile |
| 2002 | Hibs Go Mobile |
| 2003 | Depiro Still |
| 2004 | Depiro Still |
| 2006 | Hibs Medsea |
| 2005 | Depiro Still |
| 2007 | Hibs Medsea |
| 2008 | Depiro |
| 2009 | McDonalds Depiro |
| 2010 | Luxol |
| 2011 | McDonalds Depiro |
| 2012 | Luxol |

## St. James Hospital Shield
## I Diviżjoni Irġiel

### Grupp A

**A to Z Electronics Athleta** ........... 46
**Siggiewi** ........................................ 49
(12-11, 17-5, 13-18, 4-15)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, A. Carbonaro

**Siggiewi** ........................................ 72
**Tata Motors Loyola** ...................... 48
(14-9, 15-8, 27-13, 16-18)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, L. Camilleri

### Grupp B

**Bupa Luxol** .................................... 29
**Depiro Mtarfa** ............................... 69
(5-20, 9-17, 10-15, 5-17)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, C. Terribile

**Depiro Mtarfa** ............................... 71
**Floriana Francesco Fenech** ......... 55
(24-10, 12-14, 14-17, 21-14)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, C. Terribile

## St. James Hospital Shield
## II Diviżjoni Irġiel

### Grupp A

**Athleta** .......................................... 75
**Qormi Phoenix** ............................. 39
(23-14, 18-13, 15- 6, 19-16)
Referis: G. Barbara, C. Terribile

**Mellieha Tritones** ......................... 49
**Siggiewi** ......................................... 69
(11-19, 12-15, 13-20, 13-15)
Referis: G. Barbara, C. Terribile

**Qormi Phoenix** ............................. 41
**Mellieha Tritones** ......................... 39
(4-9, 8-13, 9-5, 19-12)
Referis: G. Barbara, C. Terribile

**Siggiewi** ......................................... 63
**Athleta** .......................................... 37
(21-13, 19-11, 17-3, 6-10)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Athleta** .......................................... 47
**Mellieha Tritones** ......................... 60
(10-18, 10-12, 7-13, 20-17)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Qormi Phoenix** ............................. 24
**Siggiewi** ......................................... 60
(4-20, 6-19, 5-10, 9-11)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

| Klassifika | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Siggiewi | 3 | 3 | 0 | 192 | 120 | 6 |
| Athleta | 3 | 1 | 2 | 169 | 162 | 4 |
| Mellieha Tritones | 3 | 1 | 2 | 148 | 157 | 4 |
| Qormi Phoenix | 3 | 1 | 2 | 104 | 174 | 4 |

### Grupp B

**Bell Net SN Suns** ......................... 78
**Floriana YTC** ................................ 30
(17-9, 23-6, 21-8, 17-7)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Miscela D'Oro Mtarfa** .................. 39
**Starlites** ........................................ 75
(6-23, 2-17, 15-25, 16-10)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Floriana YTC Travel** ..................... 24
**Miscela D'Oro Mtarfa** .................. 56
(5-9, 7-13, 7-18, 5-16)
Referis: C. Terribile, R. Darmanin

**Starlites** ........................................ 65
**Bell Net SN Suns** ......................... 74
(24-25, 18-9, 7-18, 16-22)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Bell Net SN Suns** ......................... 84
**Miscela D'Oro Mtarfa** .................. 42
(24-20, 22-7, 16-6, 22-9)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Floriana YTC Travel** ..................... 43
**Starlites** ........................................ 73
(7-30, 11-14, 12-22, 13-7)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

| Klassifika | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Bell Net SN Suns | 3 | 3 | 0 | 236 | 137 | 6 |
| Starlites | 3 | 2 | 1 | 213 | 157 | 5 |
| Miscela D'Oro Mtarfa | 3 | 1 | 2 | 137 | 183 | 4 |
| Floriana YTC Travel | 3 | 0 | 3 | 97 | 207 | 3 |

## St. James Hospital Shield - Nisa

### Grupp A

**Luxol** ............................................ 88
**Phoenix Mendoza Qormi** ............ 27
(26-4, 23-10, 20-7, 19-6)
Referis: C. Terribile, J. Mangani

**Alyssa Ashley Loyola** .................. 51
**McDonalds Depiro** ....................... 42
(11-15, 14-5, 15-13, 11-9)
Referis: A. Carbonaro, J. Mangani

**Qormi Phoenix Mendoza** ............. 19
**Alyssa Ashley Loyola** .................. 57
(3-13, 6-16, 3-17, 7-11)
Referis: C. Terribile, R. Darmanin

**McDonalds Depiro** ....................... 41
**Luxol** ............................................ 55
(8-11, 5-11, 13-19, 15-14)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

### Grupp B

**Hibernians** .................................... 67
**Athleta** .......................................... 59
(17-8, 14-13, 13-20, 23-18)
Referis; E. Mangani, L. Camilleri

**Athleta** .......................................... 67
**Starlites Sports Experience** ........ 35
(14-8, 12-6, 22-11, 19-10)
Referis: G. Barbara, C. Terribile





*Azzjonijiet bejn Luxol u Depiro*

# Dermot Galea u Danica Bonello Spiteri għall-għaxar darba





*Danica Bonello Spiteri fuq ir-rota u (xellug) Carl Attard dieħel fil-'Finish' ikkongratulat minn Dermot Galea*




*Carl Attard u Keith Galea waqt il-Ġirja*

L-Assoċjazzjoni Maltija tat-Triathlon organizzat it-23 edizzjoni tal-Kampjonat Nazzjonali tat-Triathlon, fit-2 ta' dan ix-xahar fil-bajja tas-Salini u tul it-Triq il-Kosta tas-Salini.

It-Tellieqa kienet waħda Olimpika, jiġifieri, id-distanzi kienu: Għawma: 1500m; Rota: 40km; Ġirja: 10km.

Iż-żewġ rebbieħa kienu Danica Bonello Spiteri (rebbieħa tal-premju Atleta Nazzjonali tas-Sena 2010) kif ukoll Dermot Galea. Dawn rebħu dan il-Kampjonat għaxar darbiet fil-karriera sportiva tagħhom.

B'kollox ħadu sehem 102 atleti fiż-żewġt it-tlielaq, dik Olimpika u dik Sprint. Il-maġġoranza tal-atleti kienu Maltin iżda kien hemm ukoll atleti mir-Renju Unit, Franza, Ġappun u l-Olanda. Dawn kienu ir-riżultati prinċipali (l-ewwel tliet postijiet):

**Riżultati tan-Nisa:**

| Pożizzjoni | Atleta | Nazzjonalità | Klabb | Ħin |
|---|---|---|---|---|
| 1st | Danica Bonello Spiteri | Maltese | St Patrick's A C | 2hrs:20m:12s |
| 2nd | Katie Silke | British | N/A | 2hrs:25m:08s |
| 3rd | Michelle Scott | British | N/A | 2hrs:28m:09s |

**Rizultati tal-Irġiel**

| Pożizzjoni | Atleta | Nazzjonalità | Klabb | Ħin |
|---|---|---|---|---|
| 1st | Dermot Galea | Maltese | B'Kara St Joseph SC | 2hrs:04m:52s |
| 2nd | Carl Attard | Maltese | B'Kara St Joseph SC | 2hrs:05m:02s |
| 3rd | Keith Galea | Maltese | B'Kara St Joseph SC | 2hrs:06m:00s |

*Ritratti: Raphael Borg Ellul Vincenti*

Audi
Vorsprung durch Technik

# Audi Q3

## Built from new expectations.



The new Audi Q3 is our answer to today's demand for urban sportiness, progressive efficiency and intelligently engineered ergonomics. Our answer to how driving pleasure can be enjoyed in the city.

**Starting from €39,800**
Vehicle Price €27,500 + Reg Tax & VAT €12,300= €39,800

Audi Malta

**Continental Cars Ltd,** Testaferrata Street, Ta' Xbiex XBX 1407
Sales: 23476 340 / 360 | Mobile: 9983 8615, 7990 6622 | E-Mail: audi@ccl.mizzi.com.mt

**Mizzi Motors Showroom,** Mġarr Road, Ghajnsielem GSM 9016
Sales: 2155 6942 | Mobile: 9978 2000 | E-Mail: jcassar@mizzimotors.com.mt

A Member of
MIZZI
ORGANISATION




# Xewkija Tigers jirbħu t-Tazza Indipendenza

Xewkija Tigers, b'żewġ gowls fl-ewwel taqsima skorjati mill-attakkant John Camilleri, irnexxielhom jirbħu dan l-ewwel unur staġjonali għat-timijiet tal-Ewwel Diviżjoni. Dan is-suċċess tagħhom li wasal wara għaxar snin f'din il-kompetizzjoni, jikkonferma li huma fost il-favoriti għal iktar unuri f'dan l-istaġun. Ir-rebħa tagħhom f'din il-31 edizzjoni tat-Tazza Indipendenza, kienet meritata għall-fatt li huma kienu aħjar mill-avversarji għal ħafna ħinijiet tal-partita fejn b'iktar attenzjoni mill-attakkanti tagħhom, huma setgħu serrħu rashom mill-ksib ta' dan l-unur qabel it-tisfira finali. Victoria Hotspurs, min-naħa tagħhom f'din ir-raba' finali konsekuttiva, sofrew mill-aggressività tat-Tigers bir-rimonta tagħhom tasal tard fil-partita fejn huma kienu fetħu tamiet ġodda li jistgħu jisforzaw il-ħin barrani.

Xewkija ma setax kellhom bidu aħjar fejn wara tliet minuti logħob huma fetħu l-iskor meta Rodney Buttigieg daħal fil-kaxxa u mill-pass tiegħu John Camilleri kien pront tefa' ġewwa mill-ewwel. Inkoraġġiti minn dan il-vantaġġ bikri, it-Tigers komplew jamministraw fejn, fil-31 minuta, irdoppjaw b'daqqa ta' ras ta' John Camilleri wara kross tajjeb ta' Elton Vella biex kiseb doppjetta personali.

Fit-tieni taqsima, Xewkija reġgħu ħarġu jattakkaw kif ukoll għarrfu jikkontrollaw tajjeb l-isforzi Rabtin. Kien fit-42 minuta, li Hotspurs naqqsu l-iskor bi freekick mit-tul ta' Ryan Grech. Però, ftit kien għad fadal ħin li fih Hotspurs setgħu almenu jerġgħu jiskorjaw biex jisforzaw il-ħin barrani, b'Xewkija jgħarrfu jikkontrollaw il-vantaġġ minimu tagħhom sal-aħħar tisfira. Fi tmiem il-finali, Vincent Grech, chairman tal-Kumitat Festi Pubbliċi u Popolari fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, assistit minn Paul Galea u George Cini, uffiċjali tal-GFA, ippreżenta t-Tazza Indipendeza lil Joseph Cefai, captain ta' Xewkija Tigers fost il-ferħ tal-partitarji numerużi tagħhom.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Kwarti Finali** | | | |
| 04/09/2011 | | | |
| Xewkija Tigers FC | 3 | Xagħra United FC | 1 |
| *(J. Camilleri 21', C. Bugeja 56', C. Camilleri 71')* | | *(T. Dos Santos 61')* | |
| 04/09/2011 | | | |
| Victoria Hotspurs FC | 1 | Sannat Lions FC | 0 |
| *(S. Theuma 67')* | | | |
| 07/09/2011 | | | |
| Għajnsielem FC | 2 | Nadur Youngsters FC | 4 |
| *(M. Cordina 85', 90')* | | *(M. Stojanovic 23', A. Portelli 58' pen., C. Antunes 68', 79')* | |
| **Semi Finali** | | | |
| 18/09/2011 | | | |
| SK Victoria Wand. | 1 | Xewkija Tigers FC | 2 |
| *(E. Estrada 71')* | | *(R. Buttigieg 59', J. Camilleri 60')* | |
| 18/09/2011 | | | |
| Victoria Hotspurs FC | 4 | Nadur Youngsters FC | 2 |
| *(D. Bellotti 8', O. Farrugia 25', 39', 55')* | | *(B. Meilak 21', J. Grima 40')* | |
| **Finali** | | | |
| 21/09/2011 | | | |
| Xewkija Tigers FC | 2 | Victoria Hotspurs FC | 1 |
| *(J. Camilleri 3', 31')* | | *(R. Grech 87')* | |



minn Joe Bajada





Azzjoni bejn Malta u Litwanja

# Iktar Futbol
## Internazzjonali f'Għawdex



Malta U21



Litwanja U21



Ukrajna U21

Fi spazju ta' ħamest ijiem, it-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena, lagħab żewġ logħbiet kompetittivi minn Grupp 2 tal-Kampjonat Ewropew meta fl-ewwel partita li saret nhar, il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru, 2011, irnexxielu jirkupra mill-aħħar żewġ telfiet tiegħu f'Malta kontra Slovenja u l-Finlandja, meta fil-gżira Għawdxija rnexxielu jikseb draw drammatiku kontra l-qawwa tal-Ukranja. Fil-fatt, matul il-partita, l-Ukrajna kellhom iktar inizjattiva fejn fiha dehru li se jammistraw tajjeb il-vantaġġ li kellhom, iżda l-Maltin kienu ta' fehma oħra fejn fiżikament tajbin, baqgħu jittamaw bl-isforzi kollha jkunu ppremjati fil-ħin mogħti żejjed biex il-pubbliku sportiv li attenda nfexx f'ewforija ta' ferħ hekk kif il-lob ta' Rowen Muscat spiċċa fix-xibka biex ftit sekondi wara waslet it-tisfira finali li tat punt mill-iktar prezzjuż lill-Maltin. Hekk ukoll għal darb'oħra Għawdex ġab fortuna lil dan it-tim kif fil-fatt kien ġara fil-passat fejn l-ewwel rebħa fl-istorja tal-logħob kompettiv ta' dan it-tim kienet waslet f'Għawdex fir-rebħa ta' 1-0 kontra Lussemburgu.

Il-bidu tal-partita kien wieħed veloċi fejn l-Ukranja ħarġu fuq l-attakk u wara 9 minuti fetħu l-iskor meta Roman Bezus, żmarkat waħdu fil-kaxxa, minn kross ta' Chaikovskii ma falliex b'lob minn fuq Sultana li kien ħiereġ fuqu. Ir-reazzjoni Maltija kienet immedjata fejn minuta biss wara kisbu d-draw meta Terrence Vella evita l-offside u wara li qabeż lill-gowlkiper Koval, tefa' f'lasti vojta. Madankollu fit-13-il minuta l-Ukrajna reġgħu marru minn fuq meta minn free-kick ta' Andrii Bogdanov, Roman Bezus, wara li dar ma' tliet difensuri, għeleb lil Sultana b'xutt angolat.

Wara l-mistrieħ, l-Ukranja baqgħu aħjar iżda mal-ħin il-Maltin komplew jemmnu iktar fihom infushom minkejja li ma ħolqux perikli serji. Meta kollox deher mitluf għall-Maltin, hekk kif ir-raba' minuta tal-ħin mogħti żejjed kienet ser tiskadi, wasal il-gowl Malti. Luca Martinelli rebaħ ballun fid-difiża opposta fejn kompla lejn Rowen Muscat li bl-lob perfett sploda lill-Gozo Stadium.

Fit-tieni partita li ntlagħbet, nhar it-Tlieta 11 ta' Ottubru, 2011, it-tim Malti ħareġ tellief 0-2 kontra l-Litwanja f'partita li fiha l-Maltin kellna aspettattivi oħrajn iżda l-pubbliku preżenti ħareġ pjuttost iddiżappuntat mhux biss bir-riżultat iżda anke bil-wirja komplessiva taż-żgħażagħ tagħna. Din il-kunfidenza pjuttost żejda seħħet mhux biss wara d-draw prestiġjuż ta' kontra l-Ukrajna, iżda wkoll wara li ftit ilu konna rbaħna lill-istess avversarji bl-iskor ta' 2-1, f'Siauliai. Kien gowl f'kull taqsima li taw lill-Litwanja l-ewwel rebħa u l-ewwel punti fil-grupp, riżultat li huma laqgħu b'entuzjażmu. Huma kienu tajba fil-kordinazzjoni tagħhom biex forsi, bla mistenni, anke għalihom wasal il-massimu tal-punti.

Il-gowls tal-Litwanja kienu skorjati, fis-26 minuta, meta minn korner ta' Andryuskev, Martynas Dapkus mill-viċin tefa' ġewwa. Huma mbagħad irdoppjaw, fl-14-il minuta tat-tieni taqsima, b'xutt tajjeb minn tarf il-kaxxa ta' Arturas Zulpa wara pass lura ta' Eliousius.




Gozo Channel
Company Limited

For more information contact Gozo Channel on 21561622, 21556114 or 22109000 or visit www.gozochannel.com



# Appuntamenti attraenti fil-korsa

Wara li dan ix-xahar it-tiġrijiet taż-żwiemel bdew jikkargaw b'tiġrijiet regolari u l-fażi ta' kwalifikazzjoni mill-Kampjonat tal-Ħarifa, sponsorjat minn Cassar Fuels, fl-aħħar ta' Ottubru u matul ix-xahar ta' Novembru se jkun hemm diversi appuntamenti attraenti fil-korsa tal-Marsa.

Fil-Kampjonat tal-Ħarifa, issa li l-finalisti tal-Klassijiet kollha ġew magħżula, il-bieraħ (il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru) u għada (il-Ħadd, 30 ta' Ottubru), kien u se jkun hemm il-finali kollha minn dan il-Kampjonat għaż-żwiemel tat-trott.

Bħas-soltu, l-aktar tiġrija mistennija tkun dik għall-aqwa żwiemel (il-Klassi Premier) b'finalisti ta' kwalità b'nazzjonalitajiet differenti. Hemm ukoll finali għall-Klassijiet l-oħrajn, jiġifieri, Gold, Silver, Bronze u Copper. Huwa tassew diffiċli biex wieħed ibassar ir-riżultati.

F'Novembru, isiru tiġrijiet kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar, kif ukoll il-Ġimgħa filgħaxija, fil-11 u l-25 ta' Novembru. Nistennew aktar tiġrijiet b'ħinijiet veloċi wara dawk li diġà rajna s'issa, bħal 1'14'2 fil-kilometru rreġistrat minn Carnegie Hall fuq distanza ta' 1,640m, il-1'15'0 ta' Major Chaleonnais fuq 2,140m u diversi oħrajn.

Fis-6 ta' Novembru, tinġera finali nteressanti tal-galopp għall-Exotique Cup, li fiha se naraw uħud mill-aqwa żwiemel tal-galopp f'pajjiżna.

Fit-tieni nofs tax-xahar, jibda l-kampjonat sponsorjat mill-SECF, riservat għaż-żwiemel Franċiżi, li jikkostitwixxu numru sostanzjali miż-żwiemel f'pajjiżna. Ikollna kampjonat għal kull Klassi bil-parteċipazzjoni ta' ħafna żwiemel popolari, b'tiġrijiet bilanċjati u missielta sal-aħħar.

Fl-aħħar Ħadd tax-xahar, imbagħad, isiru l-Heats għat-Tazza tal-President, kampjonat ieħor prestiġjuz miftuħ għall-aqwa żwiemel tat-trott (tal-Klassi Premier) ta' kull nazzjonalità.

Barra dawn il-kampjonati, se jkun hemm ukoll attrazzjonijiet oħra bħal "international encounter races" bil-parteċipazzjoni ta' sewwieqa Maltin u barranin, tiġrijiet fuq distanzi varjati u oħrajn.

Nistennew ukoll li naraw aktar żwiemel ta' Klassijiet ġodda jiġu jikkompetu f'pajjiżna, biex b'hekk iżidu l-kompetizzjoni u l-livell ta' dan l-isport.

Għaldaqstant, anke matul Novembru, il-korsa tal-Marsa se tirriservalna attrazzjonijiet varjati b'eċċitament kontinwu għall-ispettaturi kollha.

# RIŻULTATI, SEW

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 23 ta' Settembru 2011

**RACE 1 - (1640m) Class Copper Autostart**
1 Kenta Laday (Frank Portelli)
2 New Hope (David Ellul)
3 Hardy Frontline (Ludvic Ghigo)
4 Great Line (Tony Demanuele)

**RACE 2 - (1640m) Class Bronze Autostart**
1 Mealington (Darren Mizzi)
2 Icare de Jemma (Tony Demanuele)
3 Keifer Trot (Mario Farrugia)
4 Ninio Vici (Rodney Gatt)

**RACE 3 - (1640m) Class Silver Autostart**
1 Galileo Bisa (Christian Xerri)
2 Cross Country F.C. (Salvu Vella)
3 Label Chouan (David Ellul)
4 Kanter Speed (Darren Mizzi)

**RACE 4 - (1250m) Class A Flat Race**
1 Fyelehk (Michael Sultana)
2 Friarscourt (Ramon Grima)
3 Virginia Med (Trafford Vella)
4 Marivan (Charles Pace)

**RACE 5 - (1640m) Class Silver Autostart**
1 Maitre de Bannes (Dario Fenech)
2 Newton du Pic (Joseph Magro)
3 Power Cape (Pierre Caruana)
4 Orage d'Urzy (Noel Baldacchino)

**RACE 6 - (1640m) Class Premier Autostart**
1 Carnegie Hall (Darren Mizzi)
2 Niro (Raymond Clifton)
3 Enjoy Kronos (Eugenio Bondin)
4 Kain Poifond (Larson Mifsud)

**RACE 7 - (1640m) Class Gold Autostart**
1 Lys des Etroits (Brian Hili)
2 Nobel Pasmarick (Noel Baldacchino)
3 Notre Allegro (Michael Ghigo)
4 Peasant Gallant (Shaun Portelli)

**RACE 8 - (1640m) Class Silver Autostart**
1 Lime Casted (David Ellul)
2 Zerbin (Sam Cassar)
3 Nasdaq du Closet (Andrew Farrugia)
4 Ocean Brillouard (Noel Baldacchino)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 25 ta' Settembru 2011

**RACE 1 - (1640m) Class Copper Autostart**
1 Nashville Victory (Shaun Portelli)
2 Fredrico Kim (Carmelo Farrugia)
3 Miami du Coq (Michael Ghigo)
4 Camelot As (Mario Falzon)

**RACE 2 - (1640m) Class Bronze Autostart**
1 Apple Tooma (Julian Farrugia)
2 Rally Simb (James Briffa)
3 Insa (Francis Cassar)
4 Kulls Nero (Tony Demanuele)

**RACE 3 - (1640m) Class Bronze Autostart**
1 Louise Wood (Mark Desira)
2 Pajarito Nada (France Tanti)
3 Don Valentino (Shaun Portelli)
4 Vera L.H. (David Ellul)

**RACE 4 - (1640m) Class Silver Autostart**
1 Nuthan d'Emi (Rodney Gatt)
2 Navaroso de Khepri (Noel Baldacchino)
3 Izor Rick (Eugenio Bondin)
4 Internet (Raymond Clifton)

**RACE 5 - (1640m) Class Gold Autostart**
1 Quick Cape (Julian Farrugia)
2 Matador Knick (Carmelo Farrugia)
3 Orage du Pont (Antoine Grech)
4 Kosai L.J. (Francis Cassar)

**RACE 6 - (1640m) Class Premier Autostart**
1 Skip Dimanche (Charlo Debono)
2 Solid Lady Spin (Eugenio Bondin)
3 Energy As (Carmelo Farrugia)
4 Uncle Sund (Tony Tanti)

**RACE 7 - (1640m) Class Gold Autostart**
1 Oscarina (Jonathan Farrugia)
2 Kejser Flamingo (Rodney Gatt)
3 Wim (Brian Zammit)
4 Neptune Carisaie (Herman McKay)

**RACE 8 - (1640m) Class Silver Autostart**
1 Narcus du Roc (Noel Baldacchino)
2 Stainless Steel (Charles Camilleri)
3 Victory Farming (Peter Paul Said)
4 Noble d'Urzy (Jeffrey Said)




*Nuthan D'Emi - race 4 (25th September)*




*Orlando Dix - 5th race (2nd October)*

# WIEQA U HINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Ninio Perrine (Antoine Grech)
2 Lorrain d'Oliverie (Brian Hili)
3 Tapper Kana (Darren Mizzi)
4 Kaolin de Bannes (Emmanuel Fenech)

**RACE 2 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Hawkear (Rodney Gatt)
2 Rally Simb (James Briffa)
3 L'Ami du Popey (Julian Farrugia)
4 Ksar (Kurt Saliba)

**RACE 3 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Mealington (Darren Mizzi)
2 Navaroso de Khepri (Noel Baldacchino)
3 Izor Rick (Eugenio Bondin)
4 Mira Frontline (Jesmar Gafa)

**RACE 4 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Okapi d'Avril (Jason Cordina)
2 Pajarito Nada (France Tanti)
3 Martini As (Darren Mizzi)
4 Lorenz de Noyelles (Rodney Gatt)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 No Comprendo (Andrew Farrugia)
2 Peasant Gallant (Shaun Portelli)
3 Lotus du Goth (Andrew Spiteri)
4 Winner Farming (Anton Pace)

**RACE 6 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Carnegie Hall (Darren Mizzi)
2 Oscarina (Charles Camilleri)
3 Mica Bonero (Brian Hili)
4 Lover Boy Index (Mark Desira)

**RACE 7 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Label Chouan (David Ellul)
2 Must du Buisson (Charles Camilleri)
3 Niko de Chamant (Victor Fenech)
4 Loustic de l'Ain (Kurt Saliba)

**RACE 8 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Solid Lady Spin (Eugenio Bondin)
2 Happiness Photo (Rodney Gatt)
3 Le Coup de Foudre (Charles Camilleri)
4 Norman d'Avril (Tony Demanuele)

**RACE 9 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 Niky Du Donjon (James Carabott)
2 Lys des Etroits (Brian Hili)
3 Orage du Pont (Antoine Grech)
4 Ludo de Bellande (Emmanuel Fenech)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 2 ta' Ottubru 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Inedit du Tachen (Pierre Caruana)
2 Glowing Star (George Attard)
3 Jet Starline (Mario Fenech)
4 Ilex Garden (Rodney Gatt)

**RACE 2 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Garden Pax (Charles Camilleri)
2 Jibilo du Terme (Noel Baldacchino)
3 Monte Cinto Mag (Benny Briffa)
4 Great Line (Tony Demanuele)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Hardy Frontline (Ludvic Ghigo)
2 Kejser Engely (Shaun Portelli)
3 Insa (Francis Cassar)
4 Hickory Crown (Salvatore Cutajar)

**RACE 4 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Flying As (Jonathan Farrugia)
2 Kaki de Peyrahout (Tony Demanuele)
3 Osay de Viette (Herman McKay)
4 Law Suit (Noel Baldacchino)

**RACE 5 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Orlando Dix (Charles Camilleri)
2 Marco des Jacquots (Francis Cassar)
3 Onwards Star (James Carabott)
4 Kheops d'Ariane (Herman McKay)

**RACE 6 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Keelan (Paul Gauci)
2 Livi Cantona (Charles Camilleri)
3 Joker C.N. (Noel Baldacchino)
4 Troy Boshoeve (Salvu Vella)

**RACE 7 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Zerbin (Sam Cassar)
2 Master Lupin (Rodney Gatt)
3 Narcus du Roc (Noel Baldacchino)
4 Charlie Smitt (Francis Cassar)

**RACE 8 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Flash Coger (Julian Farrugia)
2 Lipouz Lesmelchen (Tony Demanuele)
3 Nabab des Corvees (Sam Cassar)
4 Mentor de l'Iton (Brian Hili)

**RACE 9 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 Lacoste I.T. (Eric Bezzina)
2 Matador Knick (Carmelo Farrugia)
3 Tornado Hornline (Sebastian Schembri)
4 Race Ball (Tony Demanuele)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 9 ta' Ottubru 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Nashville Victory (Shaun Portelli)
2 Mirall Composite (France Tanti)
3 Orasi Index (Clint Vassallo)
4 Kung Fjalar (Mark Desira)

**RACE 2 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Above Roland (George Attard)
2 Lucky Sauconnier (Andrew Farrugia)
3 Papa's Dream (Tony Tanti)
4 Hickory Crown (Salvatore Cutajar)

**RACE 3 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Charlie Smitt (Francis Cassar)
2 Must du Buisson (Charles Camilleri)
3 Pedros au Top (Brian Zammit)
4 Darco As (Mark Tanti)

**RACE 4 - (1750m) Class B Flat Race**
1 Ollie Fliptrik (Sarah Borg)
2 Joliminoi (Michael Sultana)
3 Mayfair Princess (Ramon Grima)
4 Genievre (Charles Pace)

**RACE 5 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Major Chaleonnais (Charlo Debono)
2 Bonus Kall (Shaun Portelli)
3 Arnie Sensation (Carmelo Farrugia)
4 Arifant (Noel Baldacchino)

**RACE 6 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 Lucky Fan (Charles Camilleri)
2 Wim (Brian Zammit)
3 Lacoste I.T. (Eric Bezzina)
4 Jobie Lucky (Noel Baldacchino)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Noble d'Ete (Raymond Clifton)
2 Niky Du Donjon (James Carabott)
3 Energy Launcher (Alex Cortis)
4 Dialect af Prinfo (Shaun Formosa)

**RACE 8 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Odelvio (Rodney Gatt)
2 Norfolk de Gouerie (Cliferty Calleja)
3 Gin T.Dalimo (Mark Mifsud)
4 Oural d'Asnois (Patrick Spiteri)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Loulou de la Rose (Michael Ellul)
2 Conrads Circle (Shaun Formosa)
3 Yotara Meerswal (Brian Green)
4 Inedit du Tachen (Pierre Caruana)

**RACE 2 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Monte Cinto Mag (Benny Briffa)
2 Jeo de Touvois (Chris Vassallo)
3 Lady June (Redent Magro)
4 Past Dream (Charlie Magro)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Syllabub (Rodney Gatt)
2 Apple Tooma (Michael Ellul)
3 L'Ami du Popey (Julian Farrugia)
4 Rally Simb (John Briffa)

**RACE 4 - (1750m) Class A Flat Race**
1 Fyelehk (Michael Sultana)
2 Cheeky Jack (Ramon Grima)
3 Just The Best (Oliver Briffa)
4 Prince Yarraman (Charles Pace)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 Orlando Tejy (Noel Baldacchino)
2 Naja In Blue (Herman McKay)
3 Magnifique Sablais (Julian Farrugia)
4 Novak (Tony Demanuele)

**RACE 6 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Mealington (Darren Mizzi)
2 Stainless Steel (Charles Camilleri)
3 Nympheta de Bisoir (Jonathan Farrugia)
4 Norton de Gaia (Charlo Debono)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Livi Cantona (Charles Camilleri)
2 Lipouz Lesmelchen (Tony Demanuele)
3 Oscarina (Jonathan Farrugia)
4 Key Value (Mark Tanti)

**RACE 8 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Naja du Tija (Nathaniel Barbara)
2 Garden Pax (Charles Camilleri)
3 Insa (Francis Cassar)
4 Larissa du Breil (Cliferty Calleja)



*Ollie Fliptrik - race 4 (9th October)*




*Livi Cantona - race 7 (14th October)*

## It-Tielet Ranking - 2010/11

# Busuttil jegħleb lil Castaldi 6-4 fil-final

Aaron Busuttil rebaħ l-ewwel 'ranking tournament' tiegħu meta fil-final għeleb lil Clayton Castaldi 6-4, (*Busuttil l-ewwel*) - 64-22, 74-13, 69-40, 18-63, 9-68, 61-6, 98-37, 44-66, 50-58, 54-14. Il-logħba ntlagħbet quddiem publiku numeruż fis-sala l-ġdida ta' *Jesmond Sporting Club* fil-Ħamrun. Nistgħu ngħidu li ilna ma naraw daqshekk nies għal diversi snin u dan jindika li l-Maltin għad għandhom din il-logħba għal qalbhom. Il-fatt li kellna żewġ plejers li telgħu fil-final għall-ewwel darba għen ukoll li dawn ikollhom aktar appoġġ. Ħaġa oħra pożittiva kienet li rajna diversi plejers żgħażagħ jaraw din il-logħba.

Preżenti wkoll kien hemm is-segretarju tal-MBSA, is-Sur Anton Abela, u tliet membri oħra fl-Eżekuttiv tal-istess Assoċjazzjoni li kienu is-Sinjuri Ivan Brincat, William Mifsud u Tommy Busuttil. Il-final kienet ikkontrollata mis-Sur Joseph Debono.

L-unika ħaġa negattiva kienet li n-numru ta' plejers li ħadu sehem f'dan it-tielet ranking kompla jonqos meta ħadu sehem 57 plejers. Fl-ewwel żewġ rankings li ntlagħbu fix-xitwa, li għaddiet, kien hemm medja ta' 65, filwaqt li sa ftit ta' snin ilu l-medja kienet ta' 85. Kellna wkoll lic-champion Malti, Alex Borg, jagħti *walk-over* fl-ewwel logħba tiegħu. Jidher ċar li kien hemm xi forma ta' protesta minn uħud mill-plejers rigward xi nuqqasijiet min-naħa tal-Assoċjazzjoni.

Kif bassarna, fl-aħħar ħarġa, kien hemm numru sostanzjali ta' plejers stabbiliti li għal xi raġuni ma ħadux sehem. Ħdax-il plejer (inkluż Alex Borg li ta *walk-over*) mil-lista tal-aqwa 32 plejer f'Malta ma pparteċipawx. Dan ifisser li madwar 34% mill-ewwel 32 plejer ma lagħbux u dan jindika li l-plejers mhumiex kuntentti b'ċertu nuqqasijiet.

Mill-aħħar ranking tournament li ntlagħab kien hemm seba' plejers mill-ewwel 32 fil-lista li ma ppartecipawx. Ta' min jgħid ukoll li rreġistraw numru sostanzjali oħra ta' plejers ġodda li tellgħu n-numru totali għal wieħed aktar rispettabbli, għalkemm ma kienx biżżejjed biex ma nħallux in-numru totali ta' plejers parteċipanti jonqos bi tmien plejers oħra.

Dan l-aħħar saret laqgħa bejn ir-rappreżentant tal-plejers, Simon Zammit, u l-Kunsill tal-MBSA li jidher li kienet kordjali fejn anke ntlaħaq xi forma ta' ftehim.



*Clayton Castaldi, Joe Debono (referee), Aaron Busuttil*

### Ir-rizultati kollha kienu dawn:

**L-Aħħar 48**

| | |
|---|---|
| Tony Cassar v Walter Theuma | 3-0 |
| Tommy Busuttil v Aldo Depares | 3-2 |
| Wayne Pace v Eddie Pullicino | 3-0 |
| Neville Chetchuti v Luke Borg | 3-2 |
| Philip Coleiro v Brian Cardona | 3-2 |
| David Cortis v Manolito Grech | 3-1 |
| Brian Cini v Mathew Calleja | 3-0 |
| Jonathan Calleja v Melchior Galea | 3-0 |
| Chris Peplow v Ryan Pisani | 3-1 |
| Shaun Sultana v Kevin Vella | 3-2 |
| Ryan Galea v Conrad Catania | 3-1 |
| Emmaneul Fiott v Patrick Borg | 3-0 |
| Joseph Qasha v Arthur Chetchuti | 3-0 |
| Peter Pace v Paul Attard | 3-1 |

**L-Aħħar 32**

| | |
|---|---|
| Duncan Bezzina v Tony Cassar | 4-1 |
| Brian Cini v Ivan Attard | 4-3 |
| Mario Brincat v David Cortis | 4-1 |
| Tommy Busuttil v Andre Pace | 4-0 |
| Clayton Castaldi v Philip Coleiro | 4-3 |
| Peter Schembri v Wayne Pace | 4-3 |
| Richard Lewis v Neville Chetchuti | 4-1 |
| Arthur Cachia v Johnathan Calleja | 4-0 |
| Tony Mifsud v Peter Pace | 4-0 |
| Joseph Casha v Alex Borg | w/o |
| Frans Mintoff v Shaun Sultana | 4-1 |
| Ivan Rizzo v Patrick Portelli | 4-2 |
| Simon Zammit v Ryan Galea | 4-0 |
| Chris Peplow v Mark Saffrett | 4-0 |
| Aaron Busuttil v Jesmond Schembri | 4-2 |
| Philip Ciantar v Emmanuel Fiott | 4-0 |

**L-Aħħar 16**

| | |
|---|---|
| Richard Lewis v Duncan Bezzina | 4-3 |
| Mario Brincat v Peter Schembri | 4-1 |
| Clayton Castaldi v Tommy Busuttil | 4-0 |
| Simon Zammit v Ivan Rizzo | 4-1 |
| Aaron Busuttil v Tony Mifsud | 4-2 |
| Philip Ciantar v Chris Peplow | 4-1 |
| Frans Mintoo v Joseph Qasha | 4-1 |
| Arthur Cachi Brian Cini | 4-3 |

**Kwarti-Finali**

| | |
|---|---|
| Clayton Castaldi v Mario Brincat | 4-2 |
| Arthur Cachia v Richard Lewis | 4-1 |
| Aaron Busuttil v Simon Zammit | 4-2 |
| Philip Ciantar v Frans Mintoff | 4-3 |

**Semi-Finali**

| | |
|---|---|
| Aaron Busuttil v Philip Ciantar | 5-4 |
| Clayton Castaldi v Arthur Cachia | 5-2 |

**Finali**

| | |
|---|---|
| Aaron Busuttil v Clayton Castaldi | 6-4 |

**Il-lista proviżorja tar-Rankings (l-ewwel 16)**

1 - Alex Borg (3050 pts)
2 - Duncan Bezzina (2950)
3 - Simon Zammit (2285)
4 - Clayton Castaldi (2220)
5 - Aaron Busuttil (2100)
6 - Frans Mintoff (2050)
7 - Arthur Cachia (2000)
8 - Mario Brincat (1900)
9 - Tony Mifsud (1570)
10 - Ivan Rizzo (1488)
11 - Philip Ciantar (1450)
12 - Richard Lewis (1450)
13 - Mark Saffrett (1400)
14 - Simon Camilleri (1400)
15 - Stephen Mangion (1350)
16 - Mario Cutajar (1313)

*Nota: Il-punti tal-lista tinkludi l-istaġun 2009/10 u t-tliet rankings tal-istaġun 2010/11*

minn Vincent Pisani



## Kompetizzjoni tas-sajf, Konti Ruġġieru, Rabat

# Brian Cini jegħleb lil Gary Carr 5-3 fil-final


*Brian Cini u Gary Carr wara l-final*

Brian Cini, il-plejer żagħżugħ ta' 14-il sena, irnexxielu jirbaħ tournament prestiġjuż li kien organizzat mill-Każin tal-Banda ta' Konti Ruggieru, fir-Rabat, meta fil-final għeleb lil Gary Carr 5-3.

Apparti li kien hemm pubbliku numeruż jara din il-final, preżenti wkoll kien hemm is-Sindku tar-Rabat flimkien ma' diversi uffiċjali tal-istess każin. F'dan it-tournament ħadu sehem 20 plejer.

**Kwarti-Finali**

| | |
|---|---|
| Gary Carr v Saviour Sapiano | 3-1 |
| Brian Cini v Philip Farrugia | 3-2 |
| Christ Bugeja v Tony Sant | 3-0 |
| Charles Tanti v Paul Dimech | 3-2 |

**Semi-Finali**

| | |
|---|---|
| Gary Carr v Charles Tanti | 4-2 |
| Brian Cini v Christ Bugeja | 4-1 |

**Finali**

| | |
|---|---|
| Brian Cini v Gary Carr | 5-3 |

## European U/17 Snooker Open

# Tournament ta' kwalifikazzjoni


*Uħud mill-plejers li ħadu sehem fl-aħħar European U/17 Snooker Open*

Bħalissa qed jintlagħab tournament ta' kwalifikazzjoni biex minnu jintgħażlu l-plejers Maltin li se jilagħbu fil-Kampjonat Ewropej tal-iSnooker għal Taħt is-17-il sena li se jsir bejn l-4 u il-11 ta' Jannar, 2012.

It-tournament ta' kwalifikazzjoni qiegħed jintlagħab fil-Jesmond Sporting Club, fil-Ħamrun u qiegħed jiġi organizzat minn Pro-Am Snooker.

Ir-riżultati sakemm morna għall-istampa kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Brian Cini v Benjamin Schembri | 2-0 |
| Chris Peplow v Leon Caruana | 2-0 |
| Ryan Pisani v Benjamin Schembri | 2-0 |
| Mathew Zammit v Brian Cini | 2-1 |
| Chris Peplow v Shaun Deguara | 2-0 |
| Ryan Pisani v Jurgen Galea | 2-1 |

## L-aħħar aħbarijiet mill-iSnooker

# Robertson jirbaħ is-6 PTC

Il-plejer Awstraljan, Neil Robertson, irnexxielu jirbaħ il-PTC 6, fil-Polonja, meta fil-final għeleb lil Ricky Walden 4-1. Min-naħa tiegħu, Tony Drago, għalkemm rebaħ żewġ logħbiet kontra Biernadsski 4-0 u kontra Matthew Couch 4-1, huwa tilef fl-aħħar 32 kontra Liu Chuang biex issa niżel bi tliet postijiet fil-lista tar-rankings u jinsab fil-51 post tal-klassifika mondjali.




# Vettel u Red Bull

## champions tad-dinja għat-tieni darba konsekuttiva

### Riżultati tal-GP ta' Singapore
**25.09.2011 - Marina Bay**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 1:59:06.757 |
| 2. | Jenson Button (Britannaj) McLaren | +00:01.737 |
| 3. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 00:29.279 |
| 4. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:55.449 |
| 5. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 01:07.766 |
| 6. | Paul Di Resta (Britannaja) Force India | 1:51.067 |
| 7. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 1 lap |
| 8. | Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 1 lap |
| 9. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 1 lap |
| 10. | Sergio Perez (Messiku) Sauber | 1 lap |

### Riżultati tal-GP tal-Ġappun
**09.10.2011 - Suzuka**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 1:30:53.427 |
| 2. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | +00:01.160 |
| 3. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 00:02.006 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 00:08.071 |
| 5. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:24.268 |
| 6. | Michael Schumacher (Ġermanaja) Mercedes | 00:27.120 |
| 7. | Felipe Massa (Spanja) Ferrari | 00:28.240 |
| 8. | Sergio Perez (Messiku) Sauber | 00:39.377 |
| 9. | Vitaly Petrov (Russja) Renault | 00:42.607 |
| 10. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 00:44.322 |




*Sebastian Vettel milqugħ mill-kollegi tat-tim tar-RedBull*




*Sebastian Vettel isir l-iżgħar sewwieq li rebaħ il-Kampjonat għat-tieni darba konsekuttiva*



## Riżultati tal-GP tal-Korea
### 16.10.2011 - Yeongam

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 1:38:01.994 |
| 2. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | +00:12.019 |
| 3. | Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:12.477 |
| 4. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 00:14.694 |
| 5. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:15.689 |
| 6. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:25.133 |
| 7. | Jaime Alguersuari (Spanja) Toro Rosso | 00:49.538 |
| 8. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 00:54.053 |
| 9. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 01:02.762 |
| 10. | Paul Di Resta (Britannja) Force India | 01:08.602 |

*Formula 1*

## Klassifika

### Sewwieqa

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 349 |
| 2. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 222 |
| 3. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 212 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 209 |
| 5. | Lewis Hamilton Britannja) McLaren | 196 |
| 6. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 98 |
| 7. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 67 |
| 8. | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 60 |
| 9. | Vitaly Petrov (Russja) Team Lotus | 36 |
| 10. | Nick Heidfeld (Ġermanja) Team Lotus | 34 |
| 11. | Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 28 |
| 12. | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 27 |
| 13. | Jaime Alguersuari (Spanja) Toro Rosso | 22 |
| 14. | Paul Di Resta (Britannja) Force India | 21 |
| 15. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 15 |

### Kostrutturi

| | | |
|---|---|---|
| 1. | RedBull | 558 |
| 2. | McLaren | 418 |
| 3. | Ferrari | 310 |
| 4. | Mercedes | 127 |
| 5. | Renault | 72 |
| 6. | Force India | 49 |
| 7. | Sauber | 40 |
| 8. | Toro Rosso | 37 |

# Il-Moto GP jitlef lil Marco Simoncelli

Il-Moto GP tal-Malasja, li sar fiċ-ċirkwit ta' Sepang, nhar il-Ħadd li għadda, 23 ta' dan ix-xahar, kellu jitħassar wara biss erba' minuti minħabba aċċident fatali li sewa l-ħajja tas-sewwieq Taljan ta' 24 sena, Marco Simoncelli (Honda Gresini), meta waqa' minn fuq il-mutur tiegħu u ntlaqat mill-Amerikan Colin Edwards (Yamaha) u t-Taljan Valentino Rossi (Ducati). Simoncelli, ittieħed b'urġenza l-isptar iżda ġie ddikjarat mejjet ftit tal-ħin wara.














# Casey Stoner jirbaħ it-titlu tal-Moto GP għat-tieni darba




## Riżultati tal-GP tal-Ġappun
### 25.09.2011 - Motegi

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 42:47.481 |
| 2. | Jorge Lorenzo (Spanja Yamaha | 42:54.780 |
| 3. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 43:05.861 |
| 4. | Marco Simoncelli (Italja) Honda | 43:11.031 |
| 5. | Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 43:11.172 |
| 6. | Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 43:22.085 |
| 7. | Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 43:26.648 |
| 8. | Colin Edwards (Stati Uniti) Yamaha | 43:32.504 |
| 9. | Hiroshi Aoyama (Ġppun) Honda | 43:36.555 |
| 10. | Randy de Puniet (Franza) Ducati | 43:46.503 |
| 11. | Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 44:01.445 |
| 12. | Kousuke Akiyoshi (Ġappun) Honda | 44:09.190 |
| 13. | Shinichi Ito (Ġappun) Honda | 44:13.862 |

## Riżultati tal-GP tal-Ġappun
### 16.10.2011 - Phillip Island

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 42:02.425 |
| 2. | Marco Simoncelli (Italja) Honda | 42:04.635 |
| 3. | Dovizioso (Italja) Honda | 42:04.879 |
| 4. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 42:15.585 |
| 5. | Colin Edwards (Stati Uniti) Yamaha | 42:33.311 |
| 6. | Randy de Puniet (Franza) Ducati | 42:51.225 |
| 7. | Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 43:18.739 |
| 8. | Toni Elias (Spanja) Honda | 26 Laps |
| 9. | Loris Capirossi (Italja) Ducati | 26 Laps |
| 10. | Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 25 Laps |
| | Alvaro Bautista (Spain) Suzuki | 23 Laps |
| | Hiroshi Aoyama (Japan) Honda | 23 Laps |
| | Cal Crutchlow (Britain) Yamaha | 23 Laps |
| | Valentino Rossi (Italy) Ducati | 13 Laps |

## Klassifika

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 325 |
| 2. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 260 |
| 3. | Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 212 |
| 4. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 208 |
| 5. | Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 156 |
| 6. | Marco Simoncelli (Italja) Honda | 139 |
| 7. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 139 |
| 8. | Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 132 |
| 9. | Colin Edwards (Stati Uniti) Yamaha | 109 |
| 10. | Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 94 |
| 11. | Hector Barbera (Spanja) Ducati | 77 |
| 12. | Alvaro Bautista (Spanja) Suzuki | 67 |
| 13. | Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 57 |
| 14. | Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 56 |
| 15. | Toni Elias (Spanja) Honda | 55 |

# Kampjonat 1954-55

# Floriana jegħlbu lir-rivali eterni Valletta bl-iskor ta' 6-1

## Il-Ħdax-il Ġurnata

**19-03-1955:**
**Floriana FC – Hibernians FC 5-0**
**H.T 3-0**
**Skurjaw: B. Camilleri (F) 18', T. Cauchi (F) 24' u 40' u L. Borg (F) 58' u 87'**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi.**
**Linesmen: E. V. Norton Jones u W. F. West**

*Floriana FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Karmenu Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Ġużi Bennetti, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

*Hibernians FC:* Reggie Pisani, Colin Tabone, Joe Grixti, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Frans Borg, Charlie Taliana, Piju Frendo Cumbo, Leli Spiteri, Fredu Church, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

**20-03-1955:**
**Sliema Wdrs. FC – St. George's FC 5-2**
**H.T 3-0**
**Skurjaw: J. Xuereb (Sl) 37', S. Nicholl (Sl) 39', M. Walsh (Sl) 41', J. Xuereb (Sl) 48', E. Mizzi (St.Geo) 62', o.g P. Delceppo (Sl) 85' u W. Xerri (St.Geo) 89.**
**Referee: Leli Spiteri.**
**Linesmen: J.G. Pearce u Salvu Pirotta.**

*Sliema Wdrs. FC:* Victor Xerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Gejtu 'Gaga' Sacco, Salvu Bonnici, Karm Borg, Sammy Nicholl, Maurice Walsh, Joe 'Jockey' Xuereb, Salvinu Schembri, Tony Nicholl.

*St. George's FC:* George Borg, Ġużi Mallia, Willie Xerri, Freddie Falzon, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Salvu 'Scotch' Scicluna, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Joe Mizzi.

1. Eżatt kif ġralhom fil-partita tal-ewwel round kontra l-istess Sliema, St. George's reġgħu tilfu żewġ plejers kmieni fil-partita meta wara disa' minuti weġġagħlhom Nenu Mizzi u ftit wara weġġa' wkoll Freddie Falzon. Mizzi baqa' fil-ground il-partita kollha minkejja li baqa' il-ħin kollu jzappap filwaqt li Falzon ukoll ipprova jibqa' fil-logħba iżda kellu joħroġ fit-53 minuta.

**26-03-1955:**
**Birkirkara FC – Valletta FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: P. Carbonaro (B) 3' u F. Bonnici (B) 5'.**
**Referee: Carmel L. Bugeja**
**Linesmen: Frederick G. Hawker u Turu Lentini.**

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Tony Pandolfino, Joe Agius, Leli 'Il-Likku' Saliba, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Alfred Crockford, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Norman Bell, Bertie Agius, Tarċisju Cuschieri, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Valletta FC:* Pawlu Schembri, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Leli Borg Bonaci, Harry Degiorgio, Żeppi Micallef, Josie Urpani, Leli 'Il-Pesa' Pace, Gejtu Piccinino, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**27-03-1955:**
**Ħamrun Sp. FC – Rabat FC 4-0**
**H.T 4-0**
**Skurjaw: F. Formosa (Ħ) 9', A. Drago (Ħ) 23', J. Borg (Ħ) 31' u A. Drago (Ħ) 42'.**
**Referee: Salvu Pirotta**
**Linesmen: B.S.M Joseph Galea u Leli Spiteri.**

*Ħamrun Sp. FC:* Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Freddie 'Ix-Xibi' Sciberras, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Franġisku Formosa, Armando Drago, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo Psaila.

*Rabat FC:* Salvu Bugeja, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, George Dalli, Joe 'Parsottu' Cilia, Paddy Sloan, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Ernest Chappelle, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

**Klassifika**: Floriana FC 20 pt.; Sliema Wdrs. FC 18-il pt.; Ħamrun Sp. FC 16-il pt.; Valletta FC 9 pti.; Rabat FC 8 pti.; Hibernians FC 7 pti.; Birkirkara FC 6 pti. u St. George's FC 4 pti.

**L-Aqwa Skorers:** J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 11-il goal; T. Cauchi u L. Borg (Floriana FC) 10 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 9 goals u G. Psaila (Ħamrun Sp) 6 goals.

## It-Tnax-il Ġurnata

**03-04-1955:**
**Birkirkara FC – Hibernians FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: T. Cuschieri (B) 46' u F. Bonnici (B) 58'.**
**Referee: Carmel L. Bugeja.**
**Linesmen: Carmel Galea u Salvu Pirotta.**

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Tony Pandolfino, Joe Agius, Leli 'Il-Likku' Saliba, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Alfred Crockford, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Norman Bell, Bertie Agius, Tarċisju Cuschieri, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Hibernians FC:* Reggie Pisani, Colin Tabone, Joe Grixti, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Charlie Taliana, Henry Vella, Leli Spiteri, Fredu Church, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

**06-04-1955:**
**Sliema Wdrs. – Ħamrun Sp. 0-0**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**
**Linesmen: E. V. Norton Jones u Carm. L. Bugeja.**

*Sliema Wdrs. FC:* Victor Xerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Gejtu 'Gaga' Sacco, Salvu Bonnici, Karm Borg, Tony Nicholl, Maurice Walsh, Joe 'Jockey' Xuereb, Salvinu Schembri, Sammy Nicholl.

*Ħamrun Sp. FC:* Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Franġisku Formosa, Armando Drago, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo Psaila.

1. B'sorpriża għal kulħadd kemm Gejtu Psaila tal-Ispartans kif ukoll Ġużi Bonnici tal-Wanderers ma tkeċċewx meta ġew fl-idejn wara foul ta' Salvu Bonnici (ħu Ġużi) fuq Psaila li ra lill-plejer tal-Ispartans iqum u jirritalja. Ġużi Bonnici daħal biex jiddefendi lil ħuh.

Minkejja li ma tkeċċewx, il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA issospenda lil Gejtu Psaila għal żewġ logħbiet filwaqt li Ġużi Bonnici weħel partita.

Il-kampjonat għal Gejtu Psaila għalhekk intemm hawnhekk għalkemm biex ngħidu kollox irritorna bil-kbir fil-partita tat-Trophy meta fil-21 ta' Mejju, 1955, skorja sitt goals f'rebħa kbira ta' 10-0 ta' Ħamrun Spartans fuq Hibernians.

2. Wara l-partita l-plejer Karm Borg ta' Sliema Wanderers ittieħed l-isptar wara li kompla jilgħab għal ħin twil b'uġiegħ f'wiċċu fejn instab li kien qed isofri minn ksur fix-xedaq. Anke għal Borg il-kampjonat intemm hawnhekk.

3. Il-konfront oriġinarjament suppost




*L-attakkant ta' Floriana, Tony Cauchi, skorer ta' hat-trick fir-rebħa ta' 6-1 fuq Valletta*

li kellu jintlagħab, is-Sibt 2 ta'April, iżda l-partita ġiet posposta għal erbat ijiem wara minħabba xita qawwija.

Minn dan id-dewmien gawdew il-Wanderers li s-Sibt kienu ser jilagħbu mingħajr Maurice Walsh u Salvinu Schembri, biż-żewġ plejers jirkupraw għal din il partita.

**09-04-1955:**
**St. George's FC – Rabat FC 3-3**
**H.T 2-2**
**Skurjaw: S. Scicluna (St. Geo) pen. 15', E. Mizzi (St. Geo) 18', C. Theuma (R) 30', C. Theuma (R) 35', P. Said (R) 55' u J. Mizzi (St. Geo) 70'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi.**
**Linesmen: B.S.M Joseph Galea u Joe Genovese**

*St. George's FC*: George Borg, Victor Rizzo, Twanny Mallia, Willie Xerri, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Bertu Schreiner, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe Mizzi.

*Rabat FC*: Freddie Clarke, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, George Dalli, Joe 'Parsottu' Cilia, Paddy Sloan, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Pawlu 'Il-Fulier' Said.

1. Fit-tim ta' Rabat irritorna Johnnie Azzopardi wara li s-sospensjoni ta' erba' logħbiet tnaqqset għal tnejn.

**10-04-1955:**
**Floriana FC – Valletta FC 6-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: J. Bennetti (F) 25', Jackie Grech (V) 33', T. Cauchi (F) 52' u 55', L. Borg (F) 65', T. Cauchi (F) 75' u L. Borg (F) 76'**
**Referee: Salvu Pirotta**
**Linesmen: Carmel L. Bugeja u Turu Lentini.**

*Floriana FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Karmenu Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Joe Bennetti, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

*Valletta FC:* Pawlu Schembri, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charles Zerafa, Leli Borg Bonaci, Harry Degiorgio, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Jackie Grech, Leli 'Il-Pesa' Pace, Leli Borg, Carm. Lino Satariano.

1. Pullu Demanuele irritorna fit-tim ta' Floriana. L-istess bħal Tony Vella huwa ma kienx lagħab aktar ma' Floriana minn wara t-telfa ta' 2-0 kontra Sliema ta' tliet xhur qabel. Tony Vella kien għadu ma daħalx lura fit-tim. Demanuele ħa post Dr. Benny Camilleri li minħabba pressjoni ta' xogħol beda jsibha diffiċli biex jinżel għat-taħriġ.

2. Carm Lino Satariano, 26 sena, ex-plejer ta' Melita u Mosta FC, lagħab l-unika partita tiegħu ma' Valletta. Huwa kien qed jiskorja b'mod regolari fit-tieni tim ta' Valletta fit-Tieni Diviżjoni. Satariano jiġi l-kuġin ta' Josie Urpani li kien nieqes għal din il-partita.

3. Minbarra li kienu mingħajr Urpani, Valletta kellhom nieqsa wkoll lil Joe Grech 'It-Tichy', Nenu Mackay u Silvio Rapinett.

4. Bil-hat-trick li skorja Tony Cauchi tela' fil-quċċata tal-aqwa skorers daqs sieħbu tat-tim Lolly Borg bi 13-il goal minn 12-il partita.

**Klassifika:** Floriana FC: 22 pt.; Sliema Wdrs. FC 19-il pt.; Ħamrun Sp. FC 17-il pt.; Valletta FC u Rabat FC 9 pti.; Birkirkara FC 8 pti.; Hibernians FC 7 pti.; St. George's FC 5 pti.

**L-Aqwa Skorers**: T. Cauchi (Floriana FC) 13-il goal; L. Borg (Floriana FC) 12-il goal; J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 11-il goal; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 9 goals u G. Psaila (Ħamrun Sp) 6 goals.

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1980-1989) ... Il-Ħdax Parti

Fl-1989 dan il-palju għadda mill-ġdid għand il-Birgu bil-qaddiefa Anthony Cachia u Joseph Cachia. Silta qasira ħafna tkellimna dwar l-andament ta' din il-korsa: '... *kien hemm bidu tajjeb minn ħafna Kajjikki, iżda dak tal-Birgu baqa' sod sal-aħħar qadfa biex daħal fl-ewwel post quddiem Marsamxett/Valletta, li kienu qegħdin jiksbu l-ewwel punti tar-Regatta u l-Isla* ...'

**Korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef 'B'**

Ovvjament, it-tiġrija ta' bl-Erbgħa baqgħet tgawdi popolarità kbira fost id-dilettanti ta' dawn it-tiġrijiet, kemm minħabba l-għażla ta' qaddiefa li jipparteċipaw fiha, kif ukoll għax ħafna drabi tħoll u torbot ir-rebħ tax-Shield. Interessanti l-fatt, li għall-ewwel darba mill-introduzzjoni ta' l-Aggregate Shield, fl-edizzjoni tal-1980, kienu saru żewġ tiġrijiet tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef. Kien żmien meta fir-Regatta Nazzjonali kienu jipparteċipaw seba' distretti, u peress li kull distrett seta' jipparteċipa b'żewġ opri f'kull korsa, niftakar li għal din it-tiġrija partikolari kienu rreġistraw 13-il dgħajsa. Peress li l-kanal mhux wiesa' biżżejjed biex jalloka post għal 14-il opra fit-tiġrija, id-dwana kienet kostretta li għal din it-tiġrija tapplika r-regolament li jgħid - f'każ in-numru ta' l-opri reġistrati għal xi kategorija jaqbeż 12-il opra, isiru żewġ tiġrijiet klassifikati 'A' u 'B'.' Fil-fatt, dan ir-regolament kien ġie attwat darbtejn oħra fit-tiġrijiet tal-Kajjikki fl-edizzjonijiet 1974 u 1975. Dwar il-punteġġ li jgħodd għar-rebħ ta' l-Aggregate Shield - Klassi 'B' jingħataw nofs il-punti ta' Klassi 'A'.

Fl-1980, il-palju ta' Klassi 'B' intrebaħ minn Bormla bl-ekwipaġġ kompost minn Mario Vella, Manwel Borg, Raymond Attard u Louis Hili bid-dgħasa Marija Conċetta. Dwar l-andament ta' din it-tiġrija tkellimna din is-silta qasira: '... *fl-ewwel tiġrija, dik ta' klassi 'B' bejn sitt dgħajjes rebħu Bormla minkejja l-isfida qawwija li d-dgħajsa ta' Bormla sabet mid-dgħajsa ta' Marsamxett li fil-fatt spiċċat it-tieni bil-Marsa jieħdu t-tielet*...'

Il-palju ta' Klassi 'A' intrebaħ mill-Birgu bl-ekwipaġġ ifformat minn Alfred Bouvet, Kenneth Elseworth, Joseph Cachia u Vince Farrugia bid-dgħajsa Miss Amerika. Silta qasira oħra meħuda minn rapport sportiv tagħtina idea kif żvolġiet din it-tiġrija akkanita: '...*il-partitarji numerużi Bormliżi kienu issa qed jistennew li jirbħu wkoll it-tiġrija ta' Klassi 'B' biex ikunu kaxkru kollox, iżda f'din il-korsa d-dgħajsa Bormliża sabet oppożizzjoni kbira mid-dgħajsa tal-Birgu li mal-ewwel xeħtet rasha fuq quddiem u baqgħet hemm sal-aħħar. Il-Bormliżi f'din it-tiġrija kellhom jikkuntentaw bit-tielet post għax fit-tieni post daħlet id-dgħajsa ta' Marsamxett/Valletta*...'

Kif wieħed jimmaġina, kif spiċċat din it-tiġrija l-partitarji Bormliżi dehru diżappunti ħafna li tilfu dan il-palju importanti li bil-kisba tiegħu kienu jirbħu l-ħames paljijiet tradizzjonali kif għamlu l-antenati tagħhom, fl-1933. Minkejja li rebħu l-palju ta' Klassi 'B' wieħed mill-qaddiefa Bormliżi tant ħassu ddispjaċut li sħabu ma rnexxielhomx jirbħu l-palju prestiġjuż ta' klassi 'A', li hekk kif niżel mid-dgħajsa kkummenta hekk ma' xi membri tal-kumitat Bormliż: '... *kien ikun ta' sodisfazzjon kbir għalija li kieku jien u sħabi tlifna l-palju 'B' u sħabi l-oħra rnexxielhom jirbħu kategorija 'A' ... minkejja li sħabi kienu favoriti li jirbħu dan il-palju huma ma rnexxilhomx ... konna viċin ħafna li nirbħuh! ... nittama li sena oħra jirnexxielna nkaxkru kollox u nuru lill-ġirien tagħna li aħna l-aħjar distrett fil-kanal*...'

Fl-1981 dan il-palju ntrebaħ minn Marsamxett/Valletta bl-ekwipaġġ ifformat minn Joseph Zammit, Frankie Grima, Charles Farrugia u Joseph Pace bid-dgħajsa Miss Valletta. Kuntrarjament għas-sena l-oħra din is-sena kellna tiġrija waħda tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa. Wara li tħabbar ir-riżultat tal-korsa tal-Kajjikki sar magħruf li d-differenza ta' punti bejn id-distretti ta' Bormla u tal-Birgu kienet biss ta' żewġ punti.

Matul il-provi fil-kanal, kien jidher ċar li ż-żewġ ekwipaġġi avversarji kienu tal-istess kalibru u għalhekk kulħadd beda jbassar li t-taqtiegħa għar-rebħ tax-Shield kienet se tkun waħda akkanita u missielta sal-aħħar. Silta minn artiklu sportiv ippubblikat l-għada tar-Regatta tagħtina stampa reali ta' din tiġrija deċiżiva: '... *f'din it-tiġrija tfaċċat sorpriża meta fil-bidunett ntefgħu fuq quddiem il-qaddiefa ta' Marsamxett/Valletta u b'qadfa meqjusa u determinanti rnexxielhom jidħlu fl-ewwel post. Madankollu għajnejn kulħadd kienu fuq id-dgħajjes ta' Bormla u l-Birgu għax kien ifisser li min jirnexxielu jegħleb lill-ieħor kien jiġi dikjarat rebbieħ tax-Shield. Ma kienx faċli tgħid min minnhom kien se jirbaħ tant kienu qrib xulxin, iżda forsi l-esperjenza ta' l-erbat aħwa Azzopardi fid-dgħajsa Bormliża kien l-element ewlieni li qaleb il-miżien favur Bormla biex għelbu lill-Birgu għat-tieni post u kisbu 16-il punt kontra t-tmienja tal-Birgu*...'

Silta oħra turi d-diżappunt tat-telliefa: '...*tmiem l-aħħar tiġrija ġab miegħu ferħ kbir fost il-Bormliżi u kemmxejn ta' diżappunt fuq uċuħ il-qaddiefa tal-Birgu li proprju fl-aħħar qadfiet raw ix-Shield taħrab minn idejhom wara li tant ħadmu u stinkaw biex jiksbuha għall-ewwel darba. Iżda ħadd ma jista' jiċħad li l-qaddiefa tal-Birgu kisbu l-ammirazzjoni ta' kulħadd għall-progress li wrew fuq is-snin li għaddew*...'

Fl-1982, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett ta' Bormla bil-qaddiefa Mario Vella, Ġino Cassar, George Pulis u Joseph Fava bid-dgħajsa Moira. Din it-tiġrija kienet deskritta bħala



*Il-Birgu jirbħu l-ewwel tiġrija fl-edizzjoni 1985 - dik tad-dgħajjes tal-Midalji.*

minn Joseph Serracino





*Il-Kajjikk tal-Marsa quddiem dak ta' Bormla fl-aħħar fażi tat-tiġrija fl-1987.*

tiġrija akkanita u waħda deċiżiva. Id-differenza tal-punti bejn Bormla u Marsamxett/Valletta kienet waħda minima, u għalhekk iż-żewġ distretti ma setgħux ifallu mit-tir tagħhom – rebħ tal-palju tal-ewwel kien ifisser ix-Shield għall-Bormla, waqt li pjazzament taż-żewġ dgħajjes ta' Beltin fiha kien ifisser ir-rebħ tax-Shield għal Marsamxett.

Din is-silta sportiva tagħtina stampa kif żvolġa l-andament ta' din it-tiġrija: *'... bdiet l-aħħar tiġrija. It-tensjoni għar-rebħa finali kienet waħda kbira. Ftit kien jissepara lid-distretti! Rari rajna Regatta deċiżva fl-aħħar event. L-opri f'posthom, għolliet il-bandiera ħamra. Telqu! Iż-żewġ opri ta' Bormla flimkien mal-Isla ħarġu tajjeb b'Marsamxett/Valletta u l-Marsa jisfidaw. Bormla komplew jaqdfu b'saħħa kbira. Mexjin lejn l-aħħar rebħa tal-ġurnata li tfissrilhom ir-rebħ tax-Shield għall-għaxar darba u għall-ħames darba konsekuttiva - rekord assolut għar-Regatta Nazzjonali. Marsamxett/Valletta żiedu fil-qdif u daħlu ras imb'ras. L-eċċitament ħakem lil kulħadd! Deċiżjoni tal-Photo Finish. Rebħet Bormla fost l-eċċitament tal-partitarji tagħhom - rebħa li fissret ir-rebħ ta' l-Aggregate Shield...'*

Silta oħra tkellimna dwar iċ-ċans li kellhom Marsamxett/Valletta għar-rebħ tax-Shield: *'...waslet it-tiġrija l-kbira, dik ta' bl-Erbgħa li kważi tul il-korsa kollha kienet ġlieda bejn Bormla u Marsamxett. Għalkemm dan ir-riżultat dam ftit ma tħabbar, deher car li Bormla kienu ħarġu rebbieħa. Marsamxett setgħu għamluha xorta waħda kieku t-tieni dgħajsa tagħhom daħlet it-tielet. Iżda hawn daħlet qabilhom dik tal-Isla biex kellhom jikkuntentaw b'16-il punt biss u għalhekk ix-Shield marret għand Bormla...'*

Fl-1983, dan il-palju ntrebaħ mill-Birgu bl-ekwipaġġ kompost minn Ċikku Azzopardi, John Elseworth, Mario Azzopardi u Vincent Farrugia bid-dgħajsa '10 ta' Awwissu'. Sa qabel l-aħħar tiġrija kollox kien għadu nċert u għalhekk l-aħħar korsa kienet waħda deċiżiva. Ix-Shield setgħet tintrebaħ minn Bormla, l-Isla u l-Birgu, u għalhekk kollox kien jiddependi fuq il-pjazzament tad-dgħajjes tagħhom f'din il-korsa akkanita. Għalkemm fuq il-karta kollox kien jindika li l-punteġġ miksub mit-tliet distretti kien l-aktar jiffavorixxi lill-Bormla għax kienet qed tgawdi vantaġġ ta' 20 punt fuq l-Isla u 22 punt fuq il-Birgu u għalhekk pjazzament fit-tieni post kien biżżejjed biex tirbaħ ix-Shield. Iżda wieħed ma jridx jinsa l-fatt, li t-tliet distretti avversarji kienu qegħdin jippartecipaw b'żewġ opri armati tajjeb u ċ-ċans li l-Isla u l-Birgu jirbħu x-Shield kien biss li d-dgħajjes rispettivi tagħhom jipplejsjaw fl-ewwel u fit-tieni post waqt li Bormla tidħol fit-tielet post. Imma kif jiġri dejjem, meta l-aħħar korsa tkun waħda deċiżiva, kull ekwipaġġ jissielet b'qawwa kbira għar-rebħ tal-palju. Peress li din it-tiġrija kienet waħda akkanita u kif wieħed jimmaġina missielta sal-aħħar qadfa, il-korrispondenti sportivi, fir-rapporti tagħhom fil-gazzetti l-għada tal-Vitorja tawha prominenza kbira kif se naqraw f'dawn iż-żewġ siltiet qosra li fil-fehma tiegħi jagħtuna stampa reali dwar l-iżvolġiment tagħha: *'.... Marsa u l-Kalkara fetħu tajjeb ferm b'saħħithom segwiti minn Marsamxett/Valletta, iżda aktar ma sar progress fit-tellieqa Bormla u l-Birgu kienu l-protagonisti. Kien hemm waqtiet fejn id-dgħajsa ta' Bormla kellha vantaġġ ta' tul ta' dgħajsa fuq kulħadd iżda ġiet milħuqa mill-Kalkara li ppuntat għal quddiem segwita mill-Birgu. Hawnhekk il-Bormliżi bdew qadfa ħafifa, għaddew lill-Kalkara u bl-istess ritmu ta' qdif komplew javviċinaw lid-dgħajsa tal-Birgu u daħlu flimkien. Kien il-photo finish li ta r-rebħa lill-Birgu....'*

It-tieni silta tgħidilna hekk: *'... għall-ewwel deher li Bormla kienu se jbatu għaliex bdew tajjeb il-Kalkara, il-Birgu u Marsamxett/Valletta, iżda bil-mod il-Bormliżi bdew deħlin biex fl-isbaħ tmiem li kellna rnexxielhom jiksbu l-punti li kellhom bżonn biex rebħu x-Shield. Huma spiċċaw it-tieni wara l-Birgu fil-waqt li l-Kalkara ħadu l-ewwel punti meta ġew it-tielet...'*

*ikompli f'ħarġa oħra*



*Iż-żewġ Frejgatini ta' Bormla deħlin fl-ewwel u t-tieni post quddiem il-Marsa fir-Regatta tal-1985.*

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA

The

# EUROPEAN WEEK FOR WASTE REDUCTION

**Between 19th and 27th November**

Award winning action 2010;
The Malta Reuse Map is an online database for the reuse of building materials in Malta.






It is a one-stop shop for those with reusable materials on offer and those looking for reclaimed materials.

www.thereusemap.com

Suggest how you can contribute to reduce waste, your carbon footprint on the environment, and save resources by participating during this EWWR.

***We look forward to hearing from you!***

**Closing date for registration of applications: 31st October**

Visit **www.wasteservmalta.com**
or call **80072200** for more information.

EUROPEAN WEEK FOR WASTE REDUCTION

Life

WasteServ

# Shoulder pain in sport (part 2)

by Dr. Kirill Micallef Stafrace
Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science



## Shoulder pain-dislocation

Very often in Maltese we use the expression *'qala spaltu'*- which technically means that the bone of the arm, i.e. the humerus, pops out of its socket( glenoid fossa) in the shoulder. However, this term is often abused and tends to refer to many injuries associated with the shoulder joint and also surrounding structures.

In sports, a shoulder dislocation is rather common across a wide range of sports. Around 95 % occur anteriorly i.e. to the front, while the other rarer forms can occur in the other direction. The shoulder is prone to dislocation because unlike the hip joint stability is sacrificed in favour of mobility. Hence in certain position the shoulder is rather unstable and can be dislocated with relatively minimal force. Although this is not a serious injury it can be associated with damage to surrounding tissues such as the ligaments, nerves and the supporting cartilage, the glenoid labrum. You can even have a fracture of the bone.

Fortunately, complications are uncommon and all that is required is a reduction of the humerus back into its socket. This can usually be done under sedation but as athletes are very muscular , sometimes we need to give them a general anaesthetic in order to relax the muscles. After the reduction the shoulder is immobilised for a period of time which varies with some sports medicine consultants favouring early mobilisation while others a longer prefer a longer period. Even the type of shoulder brace chosen can vary according to the doctor's preferences. Whatever is chosen, it is imperative that therapy is started immediately to strengthen the muscles around the shoulder as they will ensure the shoulder does nor re-dislocate. Initially care must be taken to avoid rotating the shoulder outwards as this is the movement that commonly leads to a re-dislocation and if this happens often we can reach the point that an operation is required. Most do end up with a slightly reduced shoulder mobility after the operation but the athlete can compensate if the rehabilitation is done properly.






Sometimes the term *'qala spaltu'* can refer to a shoulder subluxation, where the ligaments and shoulder capsule are stretched but there is no complete dislocation, or else the term is used when there is damage to another joint on top of the shoulder, the acromio-clavicular joint. The latter is commonly damaged when you fall onto the tip of your shoulder or else when using inappropriate lifting techniques in the gym. Rarely is surgery required for these conditions.

Uncommonly, there are people who are naturally lax in their joints, or else just the shoulder joints. When their shoulders start becoming problematic, they are not easy to treat and surgery does not give good results. Once again, proper rehabilitation is the key.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2011.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 54

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 54 huwa:

Ian Abela - Tarxien





IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

TeamSport

# SPORTIV Tisliba

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2011

Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 54

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| R | O | B | B | I | E | | K | O | R | A | L | J | I |
| A | | A | | | M | | W | | Y | | O | | C |
| I | V | I | C | | M | E | A | D | O | W | S | | C |
| L | | A | R | F | A | | R | | | E | C | U | |
| H | A | | I | | | S | T | A | M | F | O | R | D |
| A | L | B | E | R | T | | | M | | I | | P | |
| W | | | K | | I | N | S | A | | | H | A | L |
| K | A | | I | N | G | E | | R | | T | | N | |
| S | A | M | | | A | | R | A | T | H | | I | N |
| | | E | V | A | N | O | | L | | E | S | | A |
| Q | P | R | | | A | B | N | | V | O | L | O | S |
| A | | I | | G | | I | | L | A | | A | | R |
| L | E | A | G | U | E | | J | | L | | M | E | I |
| I | | | | S | | S | O | L | E | R | | Y | |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 54 ta' Awwissu 2011 huwa: Leonard Busuttil - Żurrieq

**MIMDUDIN**

3) Stat gżira fil-Paċifiku magħruf għar-Rugby (5)
6) George lagħab 60 partita għal-Liberja u skorja 22 gowl (4)
8) Hirvonen, sewwieq tar-Rally Finlandiż (5)
9) Tim tal-Futbol f'The Championship Ingliż (7)
10) Youth Nursery (1,1)
11) Azzopardi, futboler ta' Lija A. u qaddief tal-Marsa (5)
12) .. Alkmaar, tim tal-Futbol fl-Olanda (2)
14) Ruben .... Arzaiz, futboler Urugwajan irtirat (4)
18) Juan Martín ... Potro, tennista professjonali Arġentin (5)
19) Santana, kowċ tal-Brażil tal-Futbol fl-1982 u 1986 (4)
20) Dawra waħda maċ-ċirkwit tat-tlielaq tal-karozzi (3)
22) Nikola, plejer barrani ta' San Ġiljan ASC (5)
23) Shinji, 56 partita għal Ġappun 1998-2008 (3)
24) Beach Soccer Association (1,1,1)
27) Pavanello, plejer 'Malti' tar-Rugby (6)
28) Cassar, l-ewwel tennista fl-istorja li kisbet punti WTA (3)
30) Gejtu "Il-....." Psaila, ta' Hamrun Spartans fis snin 20 (5)
31) Kevin, golfer Amerikan imwieled il-Korea t'Isfel (2)
32) Scheda, wieħed mill-aqwa bodybuilders Maltin (7)
36) Daniel Nwoke (1,1)
37) Sebastian, dominatur assolut fil-Formula Wieħed (6)
39) Kemm hawn futbolers Sud-Amerikani li jisimhom hekk (3)
41) Albin, midfilder Svediż ta' Cagliari Calcio (5)
44) David, boxer Ingliż tal-Heavyweight (4)
45) Balbo, eks skorer prolifku ta' AS Roma (4)

**WEQFIN**

1) Latina, il-mibki riċenti 'Nedved ta' Malta' (7)
2) Logħba tal-Ħames Birilli fuq biljard bla pokits (8)
3) Matthew, gowlkiper tal-'ibliet' mal-Belt (5)
4) ..... County, l-eqdem klabb tal-Futbol fid-dinja (5)
5) "Theo del ....", żiemel Franċiż ta' 14-il sena (4)
6) World Anti-Doping Agency (1,1,1,1)
7) Bradley ...... Deguara, internazzjonali Malti fli Squash (6)
13) Zeman, kowċ kontroversajli tal-Futbol (6)
15) Francis, plejer barrani ta' Dingli Swallows FC (5)
16) Tim Svizzeru fl-America's Cup tal-Yachting (7)
17) Man-.., sitwazzjoni li tiġri spiss fil-Waterpolo (2)
21) Alessandro Costacurta (1,1)
24) Yohan, sprinter Ġamajkan 'tad-deheb' (5)
25) Mhux OFFSIDE (6)
26) Zammit, tas-Super Cruiserweight fil-Kickboxing (4)
27) Flask, skurjat 4 gowls fin-Norveġja ma' Malta U-16 (4)
29) "Force ....." tal-Formula Uno, mwaqqfa fl-2007 (5)
33) Kaniskina, atleta Russa 'tad-deheb' fit-20km Walk (4)
34) u 40) "El ....", il-laqam tal-futboler mitiku Cubillas (4)
35) Marco, plejer Serb ta' Exiles Sports Club (3)
37) Armin, kowċ ta' Eintracht Frankfurt FC fil-Bundesliga 2 (3)
38) "Cup ..." jew "...-Break" (3)
40) Ara 34 Weqfin
42) u 43) Dominic, plejer tas-Snooker minn Wales (4)
43) Ara 41 Weqfin


TeamSporT
MY PROUD SPONSOR
Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383
TeamSporT®
NIKE adidas Reebok lotto DIADORA macron Sixtus uhlsport asics UMBRO
TeamSporT®
UP TO 50%
OFF SALE



The World's Top Clubs and Leagues play on
FIELDturf®
FieldTurf was the very first artificial surface to attain FIFA Recommended status due to its superior grass-like performance. FieldTurf was the 1st artificial pitch to host a UEFA Cup Qualifying Round (Torpedo, Moscow); and the 1st to host a FIFA Football Tournament (Jeux de la Francophonie). FieldTurf has passed the international governing body's most stringent testing and has more FIFA Recommended pitches than anyone else. FieldTurf is also UEFA Certified.
Arsenal
"Since we purchased our first FieldTurf pitch in 2001, we have been extremely pleased with its performance and for us at the Youth Academy there was no other choice when the indoor hall was built. We continue to be thoroughly satisfied with FieldTurf."
John Beattie, Stadium Manager
- Arsenal Football Club PLC
WERDER BREMEN
"Football players of every age - as well as the professionals of the premier league - were all very enthusiastic about the FieldTurf pitch. It offers excellent playing conditions and training - even in winter - and the risk of injuries is minimal. For this reason, we decided to get a new FieldTurf Pitch in 2005."
Klaus Allofs, Manager
- SV Werder Bremen, 1
SIEMENS
Arsenal
Aston Villa FC
Barcellona FC
Birmingham City FC
Charlton Athletic FC
Chelsea FC
Fulham FC
Glasgow Rangers
Leeds United FC
Lokomotiv FC
Liverpool FC
Manchester City FC
Middlesbrough FC
Newcastle United FC
Norwich City FC
Shakhtar FC
Torpedo FC (Moscow)
Werder Bremen
Find out how Fieldturf can make your new pitch a reality.
Contact: Mario Attard - Intersteel & Fence Limited - Bulebel Tel: 21693175/6 - 99490003